JoTraDi

Job Trainers for People with intellectual disabilities and Autism Spectrum Disorders

LLP LEONARDO DA VINCI

Lifelong Learning Programme

CUP CODE: G83D13000560006

L-Analiżi tal-valuri wżati u l-aspettazzjonijiet dwar il-kors ta’ taħriġ.

*Individwi li Jħarrġu għax-Xogħol lill-Persuni b’Diżabilitajiet Intellettwali u bil-Marda tal-Awtiżmu*

# *Ir-Rapport tar-Riċerka: ir-riżultati prinċipali*

**Abbozz**

**KONTENUT**


1 Il-proġett u l-konsorzju

2 Ħarsa ħafifa fuq l-awtiżmu fl-Ewropa, mingħand *Autism Europe*

3 Is-sistema tal-inklużjonijiet professjonali ta' nies b'diżabilità

3.1. fl-Italja

3.2. fl-Awstrija

3.3. fi Spanja

3.4. f'Malta

3.5 fit-Turkija

4 L-Evalwazzjoni tar-rijużabilità u l-aspettazzjonijiet tal-kors ta' taħriġ għall-individwu li jħaddem: ir-riżultati prinċipali.

5 Rikomandazzjonijiet: approċċ lejn ix-xogħol, mingħand Tom Zuljevic

Anness 1 Il-Kwestjonarji

Anness 2 Ir-Rapporti tal-Pajjiżi



*Dan il-proġett ġie ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, taħt il-programm Lifelong Learning.*

*Dan ir-rapport jirrifletti l-ħarsa tal-awtur, u għalhekk il-Kummissjoni m'għandhiex tinżamm responsabbli jekk tiġi użata l-informazzjoni li hemm ġo fih.*

**1 IL-PROĠETT**

Il-Proġett Jo Tra Di – Individwi li Jħarrġu għax-Xogħol lill-Persuni b'Diżabilitajiet Intellettwali u bil-Marda tal-Awtiżmu – hu ffinanzjat mill-programm tal-*Lifelong Learning* bl-isem *Leonardo da Vinci* (Trasferiment tal-Innovazzjoni). Dan il-proġett jimmira li:

Jrawwem l-imjegabbilità ta' persuni b'diffikultajiet intellettwali jew bl-awtiżmu.

Joffri kors ta' taħriġ għall-għalliema u għal dawk li jħabbtu wiċċhom ma' dawn il-kategoriji żvantaġġjati. Dan il-kors jawtorizza lil dawn l-individwi biex ikunu jistgħu jagħtu t-taħriġ.

Dan hu profil innovattiv u waqt l-istadju ta' tranżizzjoni bejn l-iskola u x-xogħol, dan iservi bħala għajnuna siewja għal dawk in-nies li jbatu bil-marda tal-awtiżmu jew xi diżabilità oħra fiżika jew intellettwali.

Kors bħal dan jiġi bbażat fuq it-teorija fil-klassi u l-prattika fuq il-post tax-xogħol: kull min ikun qiegħed jirċievi dan il-kors ta' taħriġ, se jkun responabbli għal persuna li tkun tbati minn diżabilitajiet intellettwali/ ASD, u li tkun tixtieq tesperjenza kollokament f'impjieg fis-suq tax-xogħol. Għalhekk, dan il-proġett se jkun qiegħed joffri wkoll opportunità konkreta lil individwi b'diżabilità. Opportunità, li fiha jkunu jistgħu jesperjenzaw integrazzjoni professjonali u jkunu aċċettati fil-kumpanija.

Lil dawn l-individwi li huma affettwati minn xi tip ta' diżabilità, il-kollokament f'impjieg qiegħed joffrilhom opportunità konkreta li jaddattaw skont l-abilitajiet u l-ħiliet tagħhom, l-irwol soċjali bħala ħaddiema, li jkollhom xogħol bl-istandards kollha meħtieġa, fuq livell soċjali. F'dan il-kuntest, il-passaġġ tal-integrazzjoni fuq il-post tax-xogħol, qiegħed jiġi ppreżentat bħala proċess inklussiv, biex tiġi stabbilita relazzjoni soċjali bejn l-individwi li għandhom xi tip ta' diżabilità u d-dinja tax-xogħol.

Dan il-proġett inbeda bil-għan li l-prodotti li jkunu nħolqu fl-aħħar tal-proġett u li diġà ġew pruvati fl-2012 mill-CSPMI fir-Reggio Emilia, jiġu trasferiti fl-Ewropa, speċifikament fil-pajjiżi msieħba f'dan il-proġett: l-Awstrija, Spanja, Malta, it-Turkija. Dan kollu jista' jseħħ, grazzi għall-iffinanzjarjament mill-Provinċja ta' Reggio Emilia, b'kooperazzjoni mal-Assoċjazzjonijiet AUT AUT, AUSL REGGIO, il-Muniċipju ta' Reggio Emilia u s-Sistema Provinċjali tal-Iskola. Il-kors jipproduċi il-profil ta' kompetenzi tal-*facilitator*, l-istruttura tal-kors ta' taħriġ u l-apparat.

It-trasferiment ippreveda l-aġġustament tal-prodott għall-kuntesti lokali soċjoekonomiċi tal-pajjiżi li qegħdin jieħdu sehem f'dan il-proġett, u ppreveda wkoll it-twessigħ l-intenzjoni ta' dawk l-individwi li jħarrġu, biex jinkludu individwi li mhux biss ibatu mill-marda tal-awtiżmu, imma wkoll minn xi diżabilitajiet oħra intellettwali.

Ir-rapport preżenti hu intenzjonat li jippreżenta r-riżultati tal-analiżi, li saret fil-pajjiżi kollha li ġew involuti f'dan il-proġett; ir-rapporti ta' ħames pajjiżi huma mehmuża (ara Anness 2). Dan ir-rapport ħa jiġi ppreżentat f'termini tar-riżultati prinċipali. Ir-riċerka li saret fl-Awstrija, fi Spanja, f'Malta, fit-Turkija u fl-Italja, għandha l-għan li tivverifika r-*reusability* (f'termini ta' valur li ntuża), il-limiti u l-aspettazzjonijiet fuq dan il-kors ta' taħriġ:

*"Facilitator of the job placement for persons with intellectual disabilities and autism spectrum disorders "*

Din l-analiżi saret billi ntużaw il-kwestjonarji, l-intervisti u l-*focus groups*. Għal dan il-għan, inħolqu tliet kwestjonarji differenti mill-imsieħba Awstrijakki Die Querdenker.

Kemm l-għalliema kif ukoll l-edukaturi, kienu involuti fl-istħarriġ fuq, li l-prodott (*li)* jerġa' jiġi użat, filwaqt li s-servizzi li jieħdu ħsieb il-kollokament tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità, l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, il-familji tal-persuni diżabbli, persuni li huma inkarigati fil-kooperattivi soċjali, l-i*stakeholders* partijiet interessati u l-intrapriżi, kienu involuti *(rispettivament)* fir-rigward tal-aspettazzjonijiet tal-użu ta' dan il-kors ta' taħriġ.

Ir-riżultati tar-riċerka kienu mxerrda mal-konsorzju waqt l-ewwel laqgħa tal-Milestone, li saret ġewwa Linz, f'Lulju tal 2014. Waqt din l-okkażjoni, l-imsieħba qablu dwar l-istruttura ta' dan ir-rapport. Qablu wkoll li sabiex ir-rapport ikun iktar rikk, mal-preżentazzjoni tar-riżultati prinċipali ta' din ir-riċerka, għandha tiżdied ukoll ħarsa ġenerali fuq is-suġġett tal-awtiżmu fuq livell Ewropew u b'kapitlu bl-isem "*Recommendations*" (Rikomandazzjonijiet) iddedikat għall-impjieg ta' nies b'diżabilità, minħabba li kien suġġett ta' paragun waqt il-laqgħa.

**Il-KONSORZJU**

*CENTRO SERVIZI PMI*

*Centro Servizi PMI* (Ċentru ta' Servizz għall-*SMEs*) hu taħriġ privat u organizzazzjoni ta' konsultazzjoni, li tappartjeni għall-*Unindustria* – Assoċjazzjoni tal-Intrapriżi li huma allokati fir-*Reggio Emilia*.

Aħna niddisinjaw u niżviluppaw, norganizzaw u nwasslu azzjonijiet ta' taħriġ, li jkunu indirizzati lill-intraprendituri, għall-meniġers, għall-ħaddiema u għaż-żgħażagħ. Dan iseħħ biex dawn l-individwi jaddattaw il-professjonaliżmu tagħhom għal wieħed organizzazzjonali u teknoloġiku. Sabiex inkunu nistgħu nosservaw il-ħiliet ta' tmexxija li huma bżonjużi sabiex jiġu mmaniġġjati r-rekwiżiti tal-innovazzjoni, għamilna diversi riċerki u stħarriġiet fil-kumpaniji, fuq livell reġjonali.

Aħna naħdmu ħafna b'kooperazzjoni mal-industriji, mal-universitajiet, maċ-ċentri tar-riċerka, ma' Amministrazzjonijiet Pubbliċi u mal-iskejjel. Il-kompetenzi tagħha huma: l-analiżi tal-bżonnijiet tat-taħriġ, konsultazzjoni, taħriġ biex jogħla l-livell tal-ħiliet fit-tmexxija, attività ta' riċerka, taħriġ fil-kumpaniji, taħriġ f'*post-certificate* u f'*post-degree*, żieda fil-kwalifikazzjonijiet għal *post-certificate high technical professional*, taħriġ individwali, *internships* tal-intrapriża.

*Centro Servizi PMI* għandu esperjenza twila fi ħdan il-proġetti li huma ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, kemm bħala applikant, kif ukoll bħala imsieħeb. Dan ħa sehem f'dawn il-programmi Ewropej: LLP Leonardo DOI and TOI, Socrates Grundtvig, Erasmus for young Entrepreneurs, Equal, Mobility of workers, Erasmus +

Il-persuna li tista' tiġi kkuntattjata
Rossella Brindani
rossellabrindani@cspmi.it

*AUTISM-EUROPE*

*Autism-Europe* hi assoċjazzjoni internazzjonali, li l-għan prinċipali tagħha hu li ttejjeb id-drittijiet tal-persuni li jbatu bl-awtiżmu u tal-familji tagħhom, u li tgħinhom itejbu l-kwalità ta' ħajjithom. *Autism-Europe* għandha rwol importanti li tqajjem għarfien pubbliku u tinfluwenza lill-persuni ewropej li għandhom id-dritt li jieħdu deċiżjonijiet, li huma marbutin mad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu.

Il-persuna li tista' tiġi kkuntattjata
Aurelie Baranger
aurelie.baranger@autismeurope.org

DIE QUERDENKER

hi kumpanija privata fl-Awstrija, li taħdem kemm fl-Ewropa kif ukoll fuq livell internazzjonali, u li tiffoka fuq is-saħħa tal-bniedem, xogħol fi ħdan is-soċjetà u attivitajiet ta' *counselling*. Jidderiġu l-azzjonijiet tagħhom sabiex jipproteġu d-dinjità tal-bniedem, u l-implimentazzjoni u t-titjib fl-istandards soċjali, li jsaħħu l-pożizzjoni soċjali ta' persuni li għandhom bżonnijiet speċjali. Il-fundatur u s-sid ta' Die Querdenker, li hu Ton Zuljevic-Salamon, għandu esperjenza ta' aktar minn 30 sena fil-qasam tal-integrazzjoni vokazzjonali u tal-inklużjoni soċjali.

Il-persuna li tista' tiġi kkuntattjata
Tom Zuljevic
Zuljevic@die-querdenker.at

ENGELSIZ TOPLUM OLUŞTURMA DERNEĞI-ETOD-

Aħna bħala NGO attiva, ilna naħdmu fir-reġjun ta' Mamak, mill-2009. Sa mill-2004, dejjem kellna ċentru fejn tingħata edukazzjoni speċjali, u tingħata wkoll edukazzjoni u riabilitazzjoni għall-persuni diżabbli, kważi għall-etajiet kollha (3-30). Bħala NGO aħna ninsabu fir-reġjun ta' Ankara, reġjun li mhuwiex daqshekk żviluppat, u għalhekk nixtiequ li din il-popolazzjoni tkun parti mill-kumplament tas-soċjetà. Bħalma wieħed jista' jara fuq is-sit www.etod.org.tr, aħna norganizzaw proġetti, seminars, festivals u attivitajiet oħra. Kull darba li jkollna ċ-ċans li nagħmlu kuntatt ma' kollegi ewropej, nippruvaw insibu metodi ġodda fuq l-inklużjoni. Aħna nemmnu, li flimkien nistgħu nsibu ċans uniku biex inpartu prattiċi li ġew implimentati fil-pajjiżi tagħna. Apparti minn hekk, naħdmu ħafna ma' dawk il-gruppi li jkunu waħedhom. Infatti ħafna mill-proġetti li nieħdu sehem fihom, ikunu immirati għal dan il-għan.

Il-persuna li tista' tiġi kkuntattjata
Ercan Küçükarslan
ekucukarslan@gmail.com

INTRAS

hi organizzazzjoni bla profitt, li rat il-bidu tagħha f'Awwissu tal-1994. Din bdiet bħala riżultat ta' grupp ta' professjonisti li jaħdmu fil-qasam tar-riċerka u tal-intervent ma' individwi li minħabba xi problemi mentali, ibatu minn xi tip ta' esklużjoni fis-soċjetà.

Fit-tielet settur, dawn il-professjonisti sabu mod ta' kif titjieb is-sitwazzjoni soċjoekonomika u l-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-gruppi żvantaġġjati.

INTRAS tfisser: Riċerka u Trattament fis-Saħħa Mentali u fis-Servizzi Soċjali. L-għan tal-INTRAS hu li jiġu żviluppati u tippromwovi attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-assistenza, mar-riċerka, mal-evalwazzjoni u mal-ideoloġija tas-saħħa mentali u ta' azzjonijiet oħra fuq id-diżabilitajiet.

Il-persuna li tista’ tiġi kkuntattjata
Sara M Ispierto
proyectos3@intras.es

FOLKES

L-għan ewlieni ta’ *“Foundation for Lasting Knowledge Economy Strategies”,* kien li jiġu rriklamati l-interessi tal-Gżejjer Maltin, f’termini ta’ għarfien ekonomiku. Dan kellu jsir sabiex jiġi assigurat it-tkabbir tas-sostenibbiltà, tax-xogħol u tal-ġid, filwaqt li jiġu preservati l-karatteristiċi nazzjonali tal-istat ta’ din il-gżira żgħira *Euro-Med*. L-għanijiet ewlenin ta’ FOLKES huma li jippromwovi l-għarfien u l-aħjar regoli sabiex jiġu msaħħa tendenzi settorali, li jippromwovi innovazzjoni vokazzjonali u taħriġ edukattiv li jaqbel mal-bżonnijiet tas-soċjetà Maltija, li jmexxi ’l quddiem proġetti pilota li jirrikjedu trasferiment konsiderevoli ta’ teknoloġija, li jassisti l-iżvilupp u t-tkabbar ta’ industriji u ta’ assoċjazzjonijiet ġodda, u li javvanza l-implimentazzjoni u l-użu ta’ strumenti ġodda li jistgħu jassistu fit-tranżizzjoni tal-għarfien ekonomiku u anke fuq bażi soċjali.

Il-persuna li tista’ tiġi kkuntattjata
Maria Limongelli
maria@folkes.org

CYBERALL ACCESS ( Evalwatur Estern tal-Proġett)

Nykolaos Floratos
info@cyberall-access.com

## 2 ĦARSA ĦAFIFA FUQ L-AWTIŻMU FL-EWROPA

L-Awtiżmu hi diżabilità fl-iżvilupp, li taffettwa l-mod ta' kif persuna tikkomunika, u tirrelata ma' nies oħra. Din taffettwa wkoll il-mod ta' kif din il-persuna tagħmel sens minn dak kollu li hemm madwarha. Din hi kundizzjoni li tvarja, fis-sens li, filwaqt li dawk in-nies li jbatu mill-awtiżmu għandhom ċertu diffikultajiet li huma komuni, kull persuna tiġi affettwata minn din il-kundizzjoni b'modijiet differenti. Xi wħud mill-individwi jkunu kapaċi jgħixu ħajja pjuttost indipendenti, filwaqt li oħrajn, apparti d-diffikultajiet li ġġib magħha l-awtiżmu, jista' jkollhom diffikultajiet oħra ta' tagħlim, u għalhekk ikollhom bżonn lil xi ħadd li jissapportjahom b'mod speċjalizzat.

Kull persuna bl-awtiżmu hi differenti, imma t-tliet oqsma prinċipali li jbatu l-aktar fihom huma: interazzjoni soċjali reċiproka, komunikazzjoni u mġiba li hi ristretta, sterjotipata u repetuta.[i] Dawn l-individwi jistgħu jesperjenzaw ukoll *hyper* jew *hypo-sensitivities to tactile*, problema fis-smigħ u fil-ħars. Dawn jistgħu jirreaġixxu b'modi differenti għas-sħana, għall-bard u/ jew għall-uġigħ.

Minħabba l-limitazzjonijiet tagħhom, persuni li jbatu bl-awtiżmu, ħafna drabi jesperjenzaw xi diffikultajiet li jostakolaw l-abilitajiet tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fix-xogħol:[ii] Fost dawn id-diffikultajiet, hemm:

- **Interazzjoni Soċjali:** Persuni li jbatu mill-awtiżmu, jistgħu ma jifhmux regoli soċjali li ma jkunux miktuba, imma li persuni oħra jobduhom mingħajr ma jaħsbu fuqhom. Pereżempju, joqogħdu viċin wisq ta' persuna oħra meta jkunu qegħdin jitkellmu, jew inkella jibdew konverżazzjoni fuq suġġett li mhux xieraq. Jista' jkun li dawn il-persuni jidhru bħal insensittivi, għax ma jirrikonoxxux kif ħaddieħor qiegħed iħossu. Ħafna drabi, persuni bħal dawn, jippreferu li jqattgħu l-ħin waħedhom, milli jieħdu sehem b'mod attiv f'xi konverżazzjoni soċjali jew f'xi avveniment fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, persuni li jbatu mill-awtiżmu jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet fl-interazzjoni tagħhom ma' dawk ta' fuqhom (li jmexxu) u mal-kollegi, u b'hekk tibda tonqos l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol.

- **Komunikazzjoni Soċjali:** Bosta mill-persuni li għandhom l-awtiżmu, jifhmu l-lingwa kelma b'kelma, u għalhekk isibuha diffiċli biex jifhmu l-metafori, l-idjomi, l-ironija u s-sarkażmu. Pereżempju, l-espressjoni "*it's raining cats and dogs*" tista' tinftiehem litteralment kelma b'kelma. Għalhekk, huma jsibuha diffiċli biex jifhmu u jinterpretaw istruzzjonijiet u aspettazzjonijiet li ma jkunux intqalu. Ħafna drabi, persuni bl-awtiżmu jistgħu jidhru bħala nies ta' żaqqhom f'fommhom u jbatu biex jifhmu l-espressjonijiet li jsiru bil-wiċċ jew it-ton tal-vuċi. Xi wħud minn dawn l-individwi, jista' jkollhom ħiliet tal-lingwa tajbin ħafna, imma mbagħad isibuha diffiċli biex jifhmu n-natura tal-konverżazzjoni, li tisma' u li tirrispondi (*back and forth)*. Apparti minn hekk, persuni bħal dawn, filwaqt li ma jurux interess fuq dak li jkun qiegħed jingħad minn ħaddieħor, dawn jistgħu jitkellmu fit-tul fuq is-suġġetti li jinteressaw lilhom. Iżda, jista' jkun hemm persuni oħra bl-awtiżmu, li jbatu fil-ħila tat-taħdit, għax ma jkunux jitkellmu, u minflok jikkomunikaw ma' persuni oħra permezz tal-mossi u tas-simboli viżwali.

- **Immaġinazzjoni soċjali:** Minkejja li xi wħud mill-persuni li jbatu bl-awtiżmu għandhom immaġinazzjoni attiva, huma kreattivi ħafna, u xi wħud minnhom huma mużiċisti, artisti u kittieba famużi, ħafna drabi dawn l-istess persuni jbatu fl-immaġinazzjoni soċjali. Huma jistgħu jsibuha diffiċli li jifhmu u jinterpretaw l-emozzjonijiet, il-ħsibijiet u l-azzjonijiet ta' nies oħra. Huma jistgħu jsibuha diffiċli wkoll biex ibassru x'ikun imiss, u jifhmu l-kunċett ta' periklu. Għalhekk, din tista' taffettwahom ukoll fil-mod ta' kif jippreparaw ruħhom għal xi bidla li tista' sseħħ, u biex jippjanaw il-futur. Dawn spiss juru diffikultajiet biex ilaħħqu mat-tibdil jew mas-sitwazzjonijiet li mhumiex familjari.

- **Funzjoni Konoxxittiva:** [iii] Peress li persuni li jbatu bl-awtiżmu, iħabbtu wiċċhom ma' diversi problemi fl-ippjanar, fit-tibdil tal-attenzjoni u fil-memorja, dawn isibuha diffiċli biex ilestu xi biċċa xogħol, fuq il-post tax-xogħol. Anke dawk li l-livell ta' intelliġenza tagħhom hu normali jew iktar min-normal, persuni bl-awtiżmu jista' xorta jkollhom diffikultajiet meta jiġu biex isolvu xi problema jew jorganizzaw xi ħaġa. Dawn id-diffikultajiet, ħafna drabi jaffettwawlhom il-ħidma tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Minħabba d-diffikultajiet tagħhom, u n-nuqqas ta' appoġġ, u minħabba l-istigma soċjali u d-diskriminazzjoni, persuni bl-awtiżmu jħabbtu wiċċhom ma' diversi ostakli biex isibu xogħol. Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-ammont ta' persuni b'diżabilità li ma jipparteċipawx fid-dinja tax-xogħol, hu aktar mid-doppju tal-ammont ta' ċittadini Ewropej li jaħdmu. Ir-rata tal-qgħad hi iktar għolja f'ċertu gruppi speċifiċi ta' diżabilità, bħal dawk li għandhom l-awtiżmu. [iv] Fl-Unjoni Ewropea, hemm 11.5% tal-adulti li huma qiegħda. S'issa m'hemmx statistika internazzjonali u li hi konsistenti, li tipprovdi informazzjoni dwar kemm hemm nies li jbatu bl-awtiżmu, li qegħdin jaħdmu. Imma saru diversi stħarriġiet li jindikaw, li huma ftit dawk in-nies li jbatu bl-awtiżmu, li qegħdin jaħdmu. Xi studji jindikaw li r-rata hi bejn 76 u 90 fil-mija. Minn studju li sar fl-Ingilterra, fl-2009, instab li 15% biss tal-persuni bl-awtiżmu li huma impjegati *full-time* u 9% huma impjegati *part-time*. Mill-istess studju nħareġ ukoll li 79% tal-persuni li jbatu bl-awtiżmu, u li jiddependu fuq is-sapport finanzjarju li jingħata mill-gvern, qalu li huma jixtiequ jaħdmu, imma jridu jingħataw għajnuna speċjali, minħabba d-diffikultajiet tagħhom.[v]

*Għal diversi raġunijiet, ħafna drabi persuni* bl-awtiżmu jbatu biex isibu xogħol u jżommuh. L-iktar raġunijiet ovvji, huma minħabba d-diffikultajiet fil-komunikazzjoni u fl-interazzjoni soċjali, li jaffettwaw l-abilitajiet tagħhom biex jifhmu l-aspettazzjonijiet ta' min iħaddimhom, u biex jikkomunikaw b'mod effettiv ma' dawk ta' fuqhom (dawk li jmexxu) u mal-kollegi. Id-diskrepanzi fil-funzjonijiet eżekuttivi u *hyper-sensitivity* għal fatturi ambjentali, bħal ħsejjes u dwal, li wħud mill-persuni bl-awtiżmu jesperjenzaw, jistgħu wkoll jagħmluha diffiċli biex tikseb u jew iżżomm impjieg. Imma l-ikbar sfidi li persuni bl-awtiżmu jaffaċċjaw fi ħdan l-impjieg, mhumiex ġejjin biss minn ġewwa. L-ikbar sfidi li jaffaċċjaw huma n-nuqqas ta' aċċess għal opportunitajiet differenti, u l-istigma soċjali u d-diskriminazzjoni minħabba l-kundizzjoni tagħhom.

L-ostakli ta' impjieg li jaffaċċjaw persuni bl-awtiżmu, ikunu ilhom hemm minn ħafna qabel ma l-persuna tilħaq l-età li taħdem u li tibda tfittex xogħol. Wieħed mill-ostakli prinċipali, hu n-nuqqas ta' aċċess għal-livelli kollha ta' edukazzjoni, u għal taħriġ vokazzjonali. Diversi adulti li jbatu mill-awtiżmu, fit-tfulija u fl-adoloxxenza tagħhom, ma kellhomx aċċess konsistenti għall-edukazzjoni, li hu xieraq għall-bżonnijiet tagħhom. Mill-istudju li sar fl-2006, ġewwa l-Ingilterra, instab li wieħed/waħda minn kull tifel/tifla li jbati bl-awtiżmu, jiġi eskluż mill-iskola, u dan ħafna drabi jiġri aktar minn darba. Mill-istess studju nstab ukoll li 50% tat-tfal li jbatu bl-awtiżmu, mhumiex jattendu l-iskola addattata li tista' tagħtihom l-għajnuna xierqa.[vi] Peress li Franza mhijiex tipprovdi edukazzjoni xierqa għal tfal u adoloxxenti li jbatu mill-awtiżmu, din diġà ġiet ikkundannata darbtejn mill-Kunsill Ewropew. Fi Franza, in-numru ta' tfal bl-awtiżmu li jattendu l-iskola, qiegħed jonqos ma' kull stadju tal-iskola: 87% tat-tfal bl-awtiżmu jattendu skola primarja, 11% jattendu l-ewwel livell ta' skola sekondarja, u 1% biss jattendi t-tieni livell ta' skola sekondarja.[vii] Dawn l-istatistiċi juru n-nuqqas ta' aċċess fl-Ewropa, għall-edukazzjoni primarja u sekondarja għal dawn il-persuni li jbatu bl-awtiżmu. Mir-riċerka li saret, ħareġ li diversi adulti li jbatu bl-awtiżmu, akkademikament ir-riżultati tagħhom ikunu ħafna inqas mill-potenzjal tagħhom.[viii] Dawk l-adulti bl-awtiżmu li jispiċċaw l-iskola sekondarja b'suċċess, xorta waħda jħabbtu wiċċhom ma' diversi ostakli fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni ta' livell ogħla. Fl-Ewropa, hawn nuqqas kbir ta' għażliet fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni ta' livell ogħla, fejn jidħlu l-bżonnijiet ta' dawn l-adulti li jbatu bl-awtiżmu. Filwaqt li xi adulti bl-awtiżmu li jkollhom livell għoli ta' intelliġenza, jirnexxilhom jedukaw ruħhom fil-livell universitarju, oħrajn jesperjenzaw sfidi kbar minħabba din il-kundizzjoni. Fost id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom hemm, l-ippjanar u l-organizzazzjoni personali, u livelli għoljin ta' anzjetà soċjali. Ħafna minnhom ma jsibux għajnuna xierqa għal dawn id-diffikultajiet, u għalhekk dan l-element iwassal biex huma jieqfu jistudjaw.

Diffikultà oħra li teżisti madwar l-Ewropa, hi n-nuqqas serju ta' servizzi li jassistu adulti bl-awtiżmu, biex jagħmlu t-tranżizzjoni bejn il-ħajja skolastika u l-ħajja adulta. Din it-tranżizzjoni ma tinkludix biss it-taħriġ vokazzjonali jew edukazzjoni f'livell ogħla, imma tinkludi wkoll l-iżvilupp ta' ċertu ħiliet li jgħinu lil dawn l-individwi biex jgħixu ħajja indipendenti, u ħiliet soċjali fil-komunikazzjoni għall-impjieg. Ħiliet li mhumiex mgħallma fl-istituzzjonijiet edukattivi, għax persuni li ma jbatux mill-awtiżmu, jitgħallmu dawn il-ħiliet mill-kuntest li jkunu fih. Minħabba f'hekk, studji li saru għal tul ta' żmien, fl-Ingilterra, fil-Kanada, fl-Istati Uniti u fil-Ġappun, irrappurtaw li b'mod konsistenti qed ikun hemm livelli baxxi ta' indipendenza prospetti fl-impjieg. Anke jekk individwi li għandhom l-awtiżmu, għandhom bżonn biss livell baxx ta' sapport, il-proporzjoni fix-xogħol, rari taqbeż it-30%. Il-maġġor parti tax-xogħlijiet li jagħmlu, mhumiex xogħlijiet ta' ħiliet kbar u huma mħallsa bi ftit. Ir-riċerka tissuġġerixxi, li l-eżitu f'termini ta' indipendenza u impjieg, fost individwi bl-awtiżmu li huma aktar kapaċi, probabli li huwa determinat kemm mis-servizzi li huma bħala adulti għandhom aċċess għalihom, kif ukoll mill-abilitajiet intrinsiċi tagħhom stess. In-nuqqas ta' għajnuna fit-tranżizzjoni għall-ħajja adulta, huwa ħafna ikbar fost dawk l-adulti bl-awtiżmu, li għandhom bżonn għajnuniet kbar.

Minkejja d-diversi diffikultajiet interni u soċjali, li jħabbtu wiċċhom magħhom nies bl-awtiżmu, dawn l-individwi għandhom diversi kwalitajiet li jistgħu jgħinuhom biex ikunu ħaddiema eċċellenti, u li jispikkaw b'mod tajjeb fuq ħaddiema oħrajn. Dawn jistgħu jinkludu l-abilitajiet li jiffukaw fuq id-dettalji, l-abilità li jeċċellaw f'taħriġ li jkun loġiku u li jkun repetut, u fit-tendenza li dawn l-individwi huma leali u li wieħed jista' joqgħod fuqhom.

Sabiex persuni bl-awtiżmu jiksbu x-xogħol u jagħtu l-potenzjal kollu tagħhom fil-ħidma tagħhom, dawn għandhom bżonn l-għajnuna. Fl-Ewropa qed joħorġu diversi metodi u strutturi differenti li jipprovdu din it-tip ta' għajnuna.

L-għajnuna fuq il-post tax-xogħol tista' tinkludi, l-addattamenti neċessarji biex din il-persuna bl-awtiżmu tħossha komda u tkun tista' tagħti l-massimu tagħha fuq il-post tax-xogħol. L-addattamenti jistgħu jkunu: l-aġġustament fid-deskrizzjoni tax-xogħol, fil-ħinijiet tax-xogħol, fil-komunikazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fl-ambjent fiżiku tax-xogħol. Din tista' tinkludi wkoll assistenza fit-trasport biex tiġi x-xogħol u tmur lura, jew fl-użu tat-teknoloġiji, bħall-komunikazzjoni permezz tal-kitba jew tal-istampi. Waħda mill-għajnuniet sinifikanti għal dawn il-persuni bl-awtiżmu fuq il-post tax-xogħol, hi li jkun hemm persuni apposta għal dan il-għan, bħal *job coaches* – bħall-inizjattiva tal-Jo Tra Di – jew membri oħra tal-istaff li huma kwalifikati li jistgħu jassistu persuna bl-awtiżmu u jkunu jistgħu jgħinuha fid-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom.

Meta wieħed jikkunsidra l-possibilitajiet għall-persuni bl-awtiżmu, f'relazzjoni mal-impjieg, huwa importanti li d-drittijiet tagħhom ikunu fiċ-ċentru. Persuni bl-awtiżmu għandhom id-dritt li jaħdmu f'ambjent inklussiv u għandhom dritt għal akkomodazzjoni xierqa u għajnuna tajba li tgħinhom jaħdmu b'mod effettiv. Dawn id-drittijiet huma deskritti fid-dettall fl-Artiklu 27 tal-*United Nations Convention* fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Dawn id-drittijiet ġew approvati mill-Unjoni Ewropea u mill-maġġoranza tal-istati membri. Apparti minn hekk, is-soluzzjonijiet li ġew żviluppati biex jipprovdu għajnuna lill-persuni bl-awtiżmu, fl-ambjent tax-xogħol, jistgħu jiġu addattati skont il-bżonnijiet ta' kull individwu. Is-soluzzjonijiet jistgħu jkunu varjati bħall-individwi nfushom. F'kull ċirkustanzi, persuni bl-awtiżmu u anke l-ġenituri li jkollhom bżonn għajnuniet diversi, għandhom jiġu nkoraġġuti biex jagħmlu d-deċiżjonijiet meħtieġa fuq il-post tax-xogħol.

Madwar l-Ewropa, huma diversi dawk l-organizzazzjonijiet, li qegħdin ipoġġu dawn il-prinċipji f'azzjoni. Madankollu, il-maġġoranza tal-adulti li jbatu bl-awtiżmu, xorta waħda għadhom qiegħda, u għalhekk hemm bżonn li tittieħed aktar azzjoni. Biex iseħħ dan, m'għandux ikun hemm biss l-irwol ta' dawk li jħaddmu u tal-organizzazzjonijiet tal-awtiżmu, biex iħejju t-triq tad-dinja tax-xogħol għal dawn in-nies, imma għandu jkun hemm ukoll l-irwol tal-gvernijiet nazzjonali. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha, iffirmaw u approvaw id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet tal-*United Nations Convention*, li jobbligawhom li jieħdu aktar azzjoni biex jimplimentaw id-drittijiet ta' dawn in-nies, fl-aspetti kollha tal-ħajja, inkluż l-impjieg.

Bla dubju, sabiex wieħed jagħti l-għajnuna lill-persuni bl-awtiżmu, sabiex jiksbu xogħol u jżommuh, hemm diversi spejjeż. Il-programmi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, u tal-għajnuna fl-impjieg, jinvolvu nfiq pubbliku. Però, dan l-infiq pubbliku għandu jiġi kkunsidrat bħala investiment. Mandakollu, fi stħarriġ li sar riċenti fl-Ingilterra, ġie kkalkulat li l-infiq sabiex persuna bl-awtiżmu tingħata l-għajnuna matul ħajjitha kollha, jilħaq l-ammont ta' bejn £0.8 miljun u £1.23 miljun. Dan l-infiq jiddependi fuq il-livell ta' għajnuna li hi meħtieġa.[ix] Fi studju simili li sar fl-Istati Uniti, ġie kkalkulat li l-infiq sabiex persuna bl-awtiżmu tingħata l-għajnuna matul ħajjitha kollha, jilħaq US$3.2 miljun.[x] Minn dan l-istudju ħareġ ukoll li l-infiq għar-responsabilità ta' adult li jieħu ħsieb persuna bl-awtiżmu, hu wieħed kbir.[xi] Filwaqt li hi kemxejn diffiċli, li wieħed jikkalkula l-infiq sabiex tingħata għajnuna lill-persuna bl-awtiżmu, il-figuri juru biċ-ċar li l-infiq hu ħafna ikbar, meta din il-persuna bl-awtiżmu ma tkunx qiegħda taħdem. Naturalment, sabiex tingħata għajnuna lill-persuni bl-awtiżmu, sabiex jiksbu xogħol u jżommuh, hemm bżonn ta' investiment pubbliku. Għalhekk, min jagħmel il-liġijiet, għandu jikkunsidra l-benefiċċji finanzjarji u soċjali ta' dan l-investiment.

Studji wrew li l-infiq primarju sabiex jiġu stabbiliti mudelli effettivi ta' għajnuna fl-impjieg, għal dawn il-persuni bl-awtiżmu, jista' jkun relattivamet għoli. Madankollu, dan l-infiq jista' jitnaqqas matul iż-żmien, peress li qed jiġu żviluppati programmi effettivi, sabiex jinkisbu l-effiċjenzi. Minn studji bikrija li saru fl-Istati Uniti, ħareġ ċar li sabiex l-infiq għal kull individwu bl-awtiżmu jiġi mifdi, jew jilħaq livelli minimi, iridu jgħaddu mill-inqas ħames snin. Studji li saru ġewwa l-Istati Uniti juru, li s-servizzi t'għajnuna biex persuni bl-awtiżmu jsibu impjieg, jirrikjedu madwar ħames snin ta' żvilupp qabel il-prezz għal kull individwu bl-awtiżmu, li qed jagħmel użu mis-servizz seta' jilħaq livell minimu jew saħansitra negattiv. Minkejja li forsi mhux is-servizzi kollha ta' għajnuna għall-impjieg, jaraw dan l-irkupru tal-infiq b'mod realistiku, b'mod ġenerali, il-benefiċċji finanzjarji jegħlbu l-infiq kollu li jintuża sabiex tingħata din l-għajnuna.

i. *The National Autistic Society (2011). 'Employing people with autism: a brief guide for employers'. [Internet] http://www.autism.org.uk/about-autism/our-publications/reports/other-reports/employing-people-with-autism-a-brief-guide-for-employers.aspx. [Accessed 21 May 2014].*
ii. *Hill EL (2004). 'Executive dysfunction in autism', Trends in Cognitive Sciences, 8, pp.26-32.*
iii. *O'Reilly Arthur (2007). The right to decent work of persons with disabilities, Geneva: International Labour Organisation. [Internet] http://www.ilo.org/public/english/region/eurpro/moscow/info/publ/right_dw_pd.pdf. [Accessed 19 September 2014].*
iv. *Redman, S. et al (2009). Don't Write Me Off. London: The National Autistic Society.*
v. *Baird, G et al (2006). 'Prevalence of disorders of the autism spectrum in a population cohort of children in South*
vi. *Thames: the Special Needs and Autism Project (SNAP)', The Lancet, 368(9531), pp.210-215.*
vii. *Council of Europe, Resolution CM/ResChS (2014)2. Action européenne des handicapés (AEH) v. France, Complaint No. 81/2012. Adopted by the Committee of Ministers on 5 February 2014 at the 1190th meeting of the Ministers' Deputies [Internet] https://wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?id=2157099&Site=CM. [Accessed 19 September 2014].*
viii. *White SW, Ollendick TH & Bray BC (2011). 'College students on the autism spectrum: Prevalence and associated problems', Autism, 15(6), p.684.*
ix. *Knapp M, Romeo R & Beecham J (2009). 'Economic cost of autism in the UK', Autism, 13, pp.317-336.*
x. *Ganz ML (2007). 'The lifetime distribution of the incremental societal costs of autism', Archives of Pediatrics and Adolescent Medicine, 161, April, p.343.*
xi. *Ganz ML (2007). 'The lifetime distribution of the incremental societal costs of autism', Archives of Pediatrics and Adolescent Medicine, 161, April, p.348.*

## 3 IS-SISTEMA TAL-INKLUŻJONIJIET PROFESSJONALI TA' NIES B'DIŻABILITÀ, FL-ITALJA, FL-AWSTRIJA, FI SPANJA, F'MALTA U FIT-TURKIJA

Ir-rapporti kollha juru li Jo Tra Di hu taħriġ innovattiv, li jista' jiġi integrat u implimentat fis-sistema inklussiva li diġà teżisti fil-pajjiżi li qegħdin jieħdu sehem fil-proġett. Dan t'hawn taħt hu taqsira tas-sistemi tal-inklużjoni professjonali, kif ġew deskritti fir-rapporti miġbura.

### 3.1. L-ITALJA

**Fl-Italja** s-sistema għall-integrazzjoni vokazzjonali ta' persuni b'diżabilità, jieħdu ħsiebha nies li għandhom ċertifikat, maħruġ bil-liġi L.104/92 (Persuna b'diżabilità hi persuna li hi affettwata minn diżabilità fiżika permanenti jew progressiva, u diżabilità psikika jew sensorja, li tikkawża diffikultajiet fit-tagħlim, fir-relazzjonijiet u fl-integrazzjoni tax-xogħol. Għalhekk din tista' twassal għal żvantaġġ soċjali jew emarġinazzjoni" – art 3 tal-Liġi 104 / 1992). Safejn Reggio Emilia huwa kkonċernat, il-persuni differenti li jieħdu ħsieb l-integrazzjoni vokazzjonali, joffru varjetà wiesgħa ta' servizzi, jiddependu dejjem skont il-kundizzjoni tal-persuna b'diżabilità:

Jekk l-individwu jkun għadu żgħir jew ikun adult, u jkollu sittax-il sena jew aktar, u li ma jkunx qiegħed jattendi xi kors/ programm ta' taħriġ, jista' jagħżel minn dawn is-servizzi offruti:

- SIL – "Dan is-servizz hu speċjalizzat għal adulti b'diżabilità, li jbatu minn dewmien konoxxittiv. Permezz ta' riabilitazzjoni terapewtika u soċjali, dan is-servizz joffrilhom l-opportunità li jintegraw fid-dinja tax-xogħol, bis-saħħa tal-għajnuna ta' nies kwalifikati. L-għan hu, li dawn in-nies jingħataw iċ-ċans li jsiru konxji tal-potenzjal tagħhom u jintegraw aktar fis-soċjetà. Dan jista' jseħħ permezz ta' kollokament f'impjieg apposta, li jgħin għal żvilupp professjonali, u jgħinhom ukoll biex it-tranżizzjoni li jkunu qegħdin jagħmlu, tkun waħda stabbli. Il-kollokament f'impjieg isir fl-ambjent ordinarju tax-xogħol, u ħafna drabi jkun ta' tip B "protett" kooperattivi soċjali: dan jista' jseħħ matul is-sena kollha u fil-Muniċipalità kollha. Il-persuni b'diżabilità, jew aħjar dawk li jkunu lestew il-korsijiet/programmi fl-iskola sekondarja, u huma residenti fil-Muniċipalità ta' Reggio Emilia, jistgħu jibbenifikaw minn dan is-servizz."

- Il-kollokament f'impjieg li hu selettiv (L.68/99) - "Wara r-riforma tas-suq tax-xogħol, il-kollokament f'impjieg ta' persuni b'diżabilità, jaqa' taħt l-awtorità ta' Provinces. Partikolarment, il-Liġi 68 tal-1999 biddlet l-ipoteżi ta' kif dan is-servizz kien qiegħed jaħdem: l-idea ta' "Kollokament Obbligatorju" tlestiet mill-"Kollokament Selettiv", intenzjonata lejn is-servizzi kollha li jistgħu jilqgħu l-laqgħa bejn il-bżonnijiet ta' min iħaddem u l-bżonnijiet tal-individwu li għandu xi diżabilità, kif ukoll dawk in-nies li jaqgħu taħt il-kategorija "protetti". Permezz tal-uffiċini speċjalizzati, u b'kollaborazzjoni ma' *"Nuclei Territoriali"* (Unitajiet Lokali), il-Provinċja ta' Reggio Emilia tħaddem il-Kollokament Selettiv, għall-kollokamenti f'impjieg u għal taħriġ fuq ix-xogħol għal persuni diżabbli u żvantaġġjati.

- *Nuclei Territoriali* (Unitajiet Lokali): huma gruppi ta' ħidma, li huma preżenti f'sitt distretti tal-

Provinċja. Dawn jinsabu fl-uffiċini ta' *Centri Provinciali per l'Impiego* (Aġenziji tax-Xogħol Provinċjali) u huma timijiet ta' operaturi ta' servizzi pubbliċi u privati, li jirrappreżentaw il-persuni li ffirmaw il-Memorandum tal-Ftehim. In-*Nuclei Territoriali* jiddisinjaw il-kollokament tal-impjieg u l-proġetti tal-gwida fuq ix-xogħol (*job mentoring*), li jkunu dedikati lill-persuni b'diżabilità, jistabilixxu r-relazzjonijiet mal-kumpaniji fejn ikun ħa jsir il-kollokament tal-impjieg ta' dawn il-persuni b'diżabilità, u jimplimentaw l-azzjonijiet ta' gwida u *tutoring* (kemm fil-bidu tal-kollokament f'impjieg, kif ukoll matul il-perjodu tax-xogħol). Dawn jassiguraw għajnuna u *counselling* lill-familji. (Id-dokument li ġie rranġat mill-Provinċja ta' Reggio Emilia, CSI, USP fl-2010: "Biex timmatura…Għajnuna vokazzjonali għal żgħażagħ b'diżabilità bejn servizzi u opportunitajiet f'komunitajiet lokali").

Jekk l-individwu jkun għadu żgħir jew ikun adult, u jkollu sittax-il sena jew aktar, u jkun qiegħed jattendi xi kors/ programm ta' taħriġ, hemm proġetti li lill-persuni b'diżabilità jiffaċilitawlhom l-approċċ mas-suq tax-xogħol. Dawn il-proġetti qegħdin jiġu mħaddma miċ-ċentri tat-taħriġ vokazzjonali, b'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-iskejjel sekondarji.

F'relazzjoni mal-opportunitajiet li qegħdin jiġu offruti fis-sistema tal-edukazzjoni, aħna nistgħu nirreferu għal:

- Pjanar speċjali ta' proġetti li għandhom x'jaqsmu mat-tagħlim tax-xogħol għal studenti b'diżabilità. Dan l-ippjanar isir matul ix-xhur tas-sajf. Għall-ewwel darba, matul is-sena skolastika 2011 – 2012, il-Provinċja ta' Reggio Emilia, wessgħet il-proġett tal-Esperjenzi tas-Sajf, li kien disinjat għal studenti tal-iskejjel sekondarji tal-ogħla livell, għal studenti diżabbli li jattendu l-klassijiet tat-tielet u tar-raba' sena, fl-iskejjel sekondarji tal-ogħla livell. Sa mill-1987, il-Provinċja ħadet ħsieb il-proġett tas-sajf, li lill-istudenti żgħar, joffrilhom l-opportunità li jkunu inklużi fl-ambjent tax-xogħol. Din l-opportunità tingħata waqt attività ta' taħriġ u ta' *guidance*. Dan hu taħriġ li l-adoloxxenti jew iż-żgħażagħ (mill-età ta' 16 sa 19-il sena), li huma rreġistrati b'mod regolari f'xi kors/programm tal-iskola sekondarja tal-ogħla livell, jistgħu jagħmlu użu minnu fil-vaganzi tas-sajf. Dan it-taħriġ hu twil bejn erba' ġimgħat u sitt ġimgħat, u jista' jsir fil-perjodu ta' bejn meta tispiċċa s-sena skolastika, sakemm tibda ta' warajha (Ġunju - Settembru). Il-kumpanija li fiha l-istudent ikun qiegħed jaħdem bħala taħriġ, tista' tagħti għotja ta' madwar 100 ewro fil-ġimgħa, anke jekk din ma tkunx obbligata bil-liġi;

- proġetti li jinvolvu skejjel sekondarji tal-ogħla livell u li jistgħu jiġu inklużi fil-Pjan Edukattiv Provdut (*PIANO OFFERTA FORMATIVA*), fuq bażi ta' skola awtonima li hi rregolata bid-*Decree Law* DPR 254/99.

F'relazzjoni mal-opportunità għal taħriġ speċjali vokazzjonali, għall-għalliema u għal min iħarreġ, fuq il-mod ta' kif joffru għajnuna lill-persuni b'diżabilità, il-provinċja territorjali toffri *providers* differenti. Fosthom hemm:

- *Centro Servizi per l'Integrazione delle persone disabili* (Ċentru ta' Servizz għall-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità) ta' Reggio Emilia, li fost diversi funzjonijiet jieħu ħsieb it-taħriġ.

Madankollu, s'issa ħa ħsieb proġetti relatati ma' diffikultajiet mentali/ tal-awtiżmu fi gruppi tal-etajiet bejn 0 – 6 snin, fl-AUSL (Aġenzija Lokali tas-Saħħa) u tar-Regione Emilia Romagna;

- L-Uffiċċju tal-Iskola Provinċjali jieħu ħsieb l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, imma bħalissa għad m'hemm l-ebda informazzjoni fuq il-programmi ta' taħriġ tal-passat, tal-preżent u tal-futur.

L-Assistenti għalliema li jaħdmu fil-programmi tal-iskola, qed jitħallew jaħdmu ma' individwi diżabbli, anke jekk dawn għandhom biss kwalifiki ġenerali; mhumiex obbligati li jkollhom kwalifiki speċjalizzati, għalhekk hi iktar diffiċli li tidentifika professjoni bbażata fuq l-għarfien ta' mard differenti u l-bżonnijiet tagħhom.

L-uniku kors ta' taħriġ li jeżisti, hu r-riċerka u l-programm ta' taħriġ fuq l-awtiżmu u fuq l-ASD (*Austic Spectrum Disorders*), li huma provduti mill-Bord tal-Iskejjel Reġjonali għall-Iskejjel Sekondarji f'Emilia f'Romagna.

## 3.2. AWSTRIJA

**Fl-Awstrija** s-sistema skolastika, kif ukoll is-sistema vokazzjonali huma modulari.

L-ispjegazzjoni t'hawn taħt, li huma meħudin mis-sit tal-OeAD (Aġenzija Awstrijakka għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fl-Edukazzjoni u fir-Riċerka), jistgħu jagħtu indikazzjoni aktar ċara ta' din is-sistema:

Il-Livell Elimentari – Il-livell elimentari fl-Awstrija, jirreferi għal dawn l-istituzzjonijiet taċ-*childcare*: *crèches, kindergartens*, faċilitajiet li jieħdu ħsieb gruppi ta' tfal wara l-ħinijiet tal-iskola. *Playgroups* u *nannies* ukoll joffru s-servizzi tagħhom. Anke l-edukazzjoni ta' dawk it-tfal li jkunu għadhom żgħar biex jibdew l-iskola, jaqgħu taħt il-livell elimentari – *pre-school*.

Il-Livell Primarju – Fl-Awstrija, l-edukazzjoni obbligatorja tibda mill-età ta' 6 snin u tibqa' għaddejja għal madwar 9 snin. L-ewwel erba' snin isiru fil-livell primarju (ISCED 1). F'dan il-livell, l-iskejjel huma primarji/elimentari, skejjel ta' nies bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll skejjel regolari li fihom iħaddnu edukazzjoni inklussiva.

L-Ewwel Livell Sekondarju – Wara li jgħaddu l-ewwel erba' snin, fil-livell primarju (ISCED 2), ikun imiss l-istadju mill-ħames sat-tmien sena. L-istudenti jistgħu jagħżlu bejn dawn it-tipi ta' skejjel (ammissjoni differenti huma meħtieġa): *primary school upper cylce (Volksschul-Oberstufe), lower secondary school (Hauptschule), new secondary school (Neue Mittelschule), academic secondary school lower level (AHS Unterstufe)* kif ukoll skejjel ta' persuni b'diżabilitajiet u skejjel li joffru edukazzjoni inklussiva.

It-Tieni Livell Sekondarju – L-ewwel livell sekondarju, jiġi segwit mit-tieni livell sekondarju (id-9 sena skolastika) (ISCED 3 u 4). F'dan il-livell, jingħataw dawn l-għażliet: skejjel għat-tagħlim avvanzat, l-aktar dak ta' suġġetti tekniċi u xjentifiċi (= skejjel li jippreparaw lill-istudenti għall-apprendistat u għax-xogħol), skejjel vokazzjonali u apprendistati (sistema doppja), skejjel sekondarji vokazzjonali, kulleġġi vokazzjonali (jeskludu r-4 u l-5 sena), skejjel tal-grammatika ta'

livell għoli (*higher secondary schools* ta' edukazzjoni ġenerali), kif ukoll sena introduttorja vokazzjonali u edukazzjoni vokazzjonali integrattiva.

Livell PostSekondarju – Il-livell postsekondarju mhux terzjarju, jirreferi għar-4 u għall-5 sena tal-kulleġġi vokazzjonali, l-istituzzjonijiet edukattivi tal-infermiera, edukazzjoni u taħriġ għal professjonijiet tas-saħħa, korsijiet edukattivi kemm bħala introduzzjoni kif ukoll bħala kontinwità, u eżamijiet vokazzjonali tal-matrikola.

Persuni b'diżabilità, jistgħu jew a) jattendu klassijiet "regolari" fejn jagħżlu jekk ikollhomx għajnuna speċjali, jew inkella b) jattendu skejjel apposta għal dawn in-nies b'diżabilità.

L-għajnuna speċjalizzata hi ffinanzjata mill-gvern, matul is-sistema edukattiva kollha, anke fil-livell universitarju.

L-iskejjel għal persuni b'diżabilità, jeżistu biss għall-ewwel disa' snin, fejn l-edukazzjoni hi obbligatorja. Fl-Awstrija, wara li tiġi kompluta l-edukazzjoni obbligatorja, l-individwu mhuwiex obbligat li jattendi xi tip ta' edukazzjoni. Din tista' tidher bħala punt ta' kritika, għax iż-żgħażagħ joħorġu mis-sistema edukattiva. Għal persuni b'diżabilità, li jkollhom bżonn aktar għajnuna fl-edukazzjoni vokazzjonali tagħhom, hemm l-opportunità ta' taħtriġ vokazzjonali għall-integrazzjoni. Dan it-taħriġ jingħata fi tliet verżjonijiet: apprendistat estensibbli, kwalifikazzjoni parzjali jew għajnuna tat-tagħlim.

Il-fatt li l-edukazzjoni vokazzjonali u dik fil-livell ta' postsekondarju jispiċċaw fl-età ta' 18 jew 19-il sena, iqajjem ċertu kritika.

L-għajnuna fl-orjentazzjoni vokazzjonali u edukattiva, tingħata b'modi differenti:

1. Il-preparazzjoni u l-orjentazzjoni vokazzjonali bħala suġġett obbligatorju, fl-iskejjel kollha sekondarji u speċjalizzati.
2. It-taħriġ tal-integrazzjoni vokazzjonali fi tliet verżjonijiet (ara fuq), li hu ffinanzjat mill-Uffiċċju tal-*Federal Social Welfare*.
3. *Youth coaching* f'termini ta' prevenzjoni u intervenzjoni, li hu ffinanzjat mill-Uffiċċju tal-*Federal Social Welfare* u s-Servizz tas-Suq tax-Xogħol.

Ħafna mill-persuni li jbatu minn xi diżabilità, jattendu skejjel speċjalizzati jew *Volksschule Hauptschule Polytechnische Schule*, bit-tama li wara jkunu jistgħu jibdew it-Taħriġ tal-Integrazzjoni Vokazzjonali jew xi tip ta' *coaching*. Sabiex jingħaqdu żewġ fruntieri kritiċi wara d-9 u t-13-il livell ta' skola, hemm bżonn ta' impjegati edukati li jistgħu jħarrġu liż-żgħażagħ skont il-bżonnijiet individwali tagħhom. B'hekk jgħinuhom jipproċedu fis-sistema edukattiva jew vokazzjonali. Matul is-sistema skolastika u vokazzjonali kollha, it-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti żgħar li għandhom bżonn għajnuniet speċjali, jiġu f'kuntatt ma' għalliema, pedagoġisti oħra, *social workers*, psikoloġisti, *ergo therapists*, staff mediku eċċ Għalhekk fl-Awstrija, dawn il-professjonijiet huma gruppi ta' mira għall-programm ta' taħriġ ta' JoTraDi.

3.3. SPANJA

Skont l-informazzjoni li nġabret mill-Istħarriġ dwar id-Diżabilità, l-Awtonomija u d-Dipendenza Personali (EDAD 2008), **fi Spanja** hemm madwar 163,650 persuna b'diżabilità, li jvarjaw mill-etajiet ta' 15 sa 30 sena. Wieħed mill-ikbar tħassib hu l-qgħad, u warajh hemm il-problemi ekonomiċi sabiex tinxtara dar (INJUVE, 2008).

Minkejja li żgħażagħ b'diżabilità, mhux dejjem ġew identifikati fi ħdan il-popolazzjoni taż-żgħażagħ jew fi ħdan il-popolazzjoni ta' individwi b'diżabilità, matul dawn l-aħħar għaxar snin, l-amministrazzjoni Spanjola poġġiet l-impjieg u l-edukazzjoni taż-żgħażagħ bħala prijorità ewlenija fuq bażi nazzjonali. Il-gwida vokazzjonali, l-assessjar u s-servizzi ta' kollokament, li ġew żviluppati mill-Gvern, minn organizzazzjonijiet privati, kif ukoll minn reġjuni awtonomi, huma preżentati b'mod aħjar, biex ikunu jistgħu jintużaw b'mod aħjar għall-bżonnijiet ta' dawn iż-żgħażagħ li għandhom xi forma ta' diżabilità.
Iktar kemm ikun hemm żgħażagħ diżabbli li jipparteċipaw f'esperjenzi u f'taħriġ ta' edukazzjoni għolja, inqas ikun hemm probabilità ta' qgħad. Huwa sinifikanti l-fatt, li żgħażagħ b'diżabilità li għandhom grad Universitarju, huma kważi d-doppju fil-każ ta' min hu impjegat milli dawk qiegħda: 50.8% kontra 24% (Fundación ADECCO, 2013). Fi Spanja, il-gvern nazzjonali għamel minn kollox biex jippromwovi s-sistema inklussiva fl-edukazzjoni. Madankollu, l-aspettazzjonijiet tas-suċċess li jkollhom nies b'diżabilità u l-qraba tagħhom, fl-ewwel snin tal-iskola, jinbidlu f'frustrazzjoni fil-livell sekondarju. Dan jiġri, għax fir-realtà hemm qabża kbira bejn l-ambizzjonijiet edukattiv ta' żgħażagħ b'diżabilità, u żgħażagħ tal-istess età li m'għandhomx diżabilità. 'Il fuq minn 70% taż-żgħażagħ b'diżabilità ma jaqbżux l-iskola sekondarja, u huma biss 6.1% ta' dawk li għandhom inqas minn 30 sena li jkomplu l-istudji tagħhom sal-università, fost 16.2% li m'għandhomx diżabilità (iż-żgħażagħ u d-diżabilità: żewġ modi differenti ta' esklużjoni CERMI 2012); Fi kliem ieħor, għal kull żagħżugħ diżabbli li jispiċċa l-edukazzjoni terzjarja, żewġ persuni diżabbli ma jafux jaqraw jew jiktbu. Madankollu, għal kull żagħżugħ li ma jbati mill-ebda diżabilità, imma ma jafx jaqra jew jikteb, hemm 36 persuna li jattendu l-università.
Il-mumenti ta' meta jispiċċa t-taħriġ tal-edukazzjoni formali u l-aċċess għall-impjieg, huma mumenti diffiċli. Infatti l-aċċess għal impjieg hu pjuttost limitat. Skont l-informazzjoni li nġabret mill-ewwel rapport dwar l-impjieg u ż-żgħażagħ b'diżabilità (Fundación ADECCO, 2013), 62% taż-żgħażagħ li għandhom xi tip ta' diżabilità, huma qiegħda, filwaqt li ċ-ċifra taż-żgħażagħ li m'għandhom l-ebda diżabilità, imma li huma qiegħda, hi ta' 55%. F'dan l-istħarriġ ħareġ li 56% tal-qgħad huma tfajliet b'diżabilità, bi 30.4% minnhom studjaw *technical studies*, 42.6% li għandhom diżabilità fiżika u kollha kemm huma (100%) jgħixu mal-ġenituri tagħhom. Min-naħa l-oħra, hemm aktar ġuvintur li huma diżabbli, imma li għandhom xogħol, fejn 50.8% studjaw l-università, 46.2% għandhom diżabilità fiżika, 62.5% għandhom kuntratt *full time*, u 33.3% huma impjegati b'mod temporanju.

Xi liġijiet ġew iddisinjati bil-għan li jikkonċernaw l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol. Fl-1982, ġiet approvata l-liġi tal-integrazzjoni tax-xogħol, li ġiet preżentata mil-Liġi fuq l-Integrazzjoni Soċjali ta' Persuni b'Diżabilità (LISMI). L-għan prinċipali ta' din il-liġi kien li nies b'diżabilità, jiġu integrati fis-sistema tax-xogħol, jew inkella jekk dawn ma jaslux s'hawn, jiġu inkorporati fis-sistema tal-produzzjoni, permezz ta' xogħol li jkun protett (Art. 37). Waħda mill-miżuri li ttieħdet sabiex persuni b'diżabilità jiġu impjegati fid-dinja tax-xogħol, hi s-sistema tal-kwota, li tobbliga lil dawk li jħaddmu aktar minn 50 ħaddiem, li 2% tal-pożizzjonijiet fil-kumpanija, għandhom jingħataw lil persuni b'diżabilità.

Madankollu, fi Spanja din il-liġi ma ġietx osservata, peress li ftit li xejn kien hemm spezzjonijiet jekk din il-liġi hijiex tiġi osservata jew le, u hemm ukoll nuqqas kbir fil-multi għal min ma josservahiex. 20% biss taż-żgħażagħ b'diżabilità bbenefikaw minnhom u 3.23% biss tal-ħaddiema b'diżabilità bbenefikaw minn din il-kwota (ir-rapport li sar fi Spanja, dwar iż-Żgħażagħ b'Diżabilità. CERMI, 2010).

Diversi studji li ġew ippubblikati fi Spanja, f'dawn l-aħħar snin, ikkonkludew li l-impjieg għal persuni b'diżabilità, għandu jingħata aktar attenzjoni, kemm fis-settur privat, kif ukoll f'dak pubbliku. Apparti minn hekk, għandha tingħata attenzjoni wkoll fuq il-fatt li nies b'diżabilità għandhom itejbu aktar il-ħiliet tagħhom, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jikkompetu fis-suq tad-dinja tax-xogħol. Imma biex iseħħ dan kollu, hemm bżonn li jkun hemm titjib fl-edukazzjoni u fit-taħriġ għal nies b'diżabilità, inqas attenzjoni fuq il-benefiċċji, u iktar inizjattivi sabiex l-ambjent tax-xogħol jiġi addattat għall-bżonnijiet tan-nies b'diżabilità. Fl-aħħar, għandu jkun hemm aktar fondi, għax l-isforz tal-pajjiż biex il-gvern jiġi deċentralizzat, ħoloq konfużjoni fis-servizzi tal-impjiegi u fit-taħriġ għal dawn in-nies b'diżabilità. Finalment, l-isforzi tal-pajjiż biex jiddeċentralizza l-gvern, ħoloq konfużjoni għad-deterrent tal-persuni b'diżabilità. Is-servizzi li jipprovdu taħriġ u xogħol jeħtieġu finanzi aħjar.

### 3.4. MALTA

*B'referenza għall-qafas tal-leġiżlazzjoni, il-kostituzzjoni Maltija (1964) tiddikjara d-dritt tal-ugwaljanza fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali, lill-persuni b'diżabilità:*

*"Persuni b'diżabilità li m'għandhomx il-ħiliet li jaħdmu, huma intitolati għal edukazzjoni u għal taħriġ vokazzjonali." (Kostituzzjoni ta' Malta, Att 1964 – Kapitlu II, Art. 17 [3])*

*L- Att ta' 2000, l-Opportunitajiet Ugwali (Persuni b'Diżabilità), kien pass importanti 'l quddiem, għax hija kontra l-liġi li wieħed jagħmel diskriminazzjoni ma' nies b'diżabilità, fil-qasam tal-edukazzjoni u taħriġ. Dan l-Att jagħti s-saħħa lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD), biex jekk dan ma jsirx, tieħu azzjoni permezz tal-Equal Opportunities Compliance Unit (EOCU).*

*Fl-2006, ir-Riforma tal-Iskejjel Speċjali ġiet inkorporata mal-Att Edukattiv li ġie revedut, u l-irwol tal-iskejjel speċjalizzati nbidel għal ċentri ta' riżorsi, fejn l-irwol tagħhom jinkludi:*

*"[…] tfal bi bżonnijiet speċjali, jistgħu jibbenefikaw aktar f'ċentri bħal dawn, milli fi skejjel normali,*

*dejjem jiddependi skont il-bżonnijiet tagħhom"*

*(Att XIII [Emenda tal-Att Edukattiv] 2006)*

*Malta hi wkoll firmatarju tad-dikjarazzjoni tas-Salamanca tal-UNESCO (1994).*

**F'Malta**, matul l-edukazzjoni formali, sal-età ta' 16-il sena, titħaddem sistema ta' għajnuna għal individwi li jbatu bl-awtiżmu jew li għandhom xi diffikultajiet fit-tagħlim.
Madankollu, ladarba jitilqu mill-iskola sekondarja, ħafna minnhom ma jħossuhomx preparati u lesti biex jiġu impjegati u jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk, ħafna minnhom isibu ruħhom mitlufin u jispiċċaw ifittxu xi istituzzjoni edukattiva li jħossuhom komdi fiha, minflok istituzzjoni li tista' tkabbrilhom il-potenzjal tagħhom u tgħinhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom.
Minkejja li għal dawn l-individwi li jbatu bl-Awtiżmu / jew xi Diffikultajiet ta' Tagħlim oħra, hemm l-għażla li jkabbru t-taħriġ vokazzjonali tagħhom fis-sistemi edukattivi dominanti, mhux dejjem ikun hemm l-għajnuna neċessarja biex tgħin lil dawn l-individwi jiksbu suċċess minn dan it-taħriġ. Hemm skola waħda partikolari, li hi skola postsekondarja, li tilqa' persuni b'diżabilità li jkollhom bejn is-16 u t-22 sena. F'din l-iskola, l-individwi jiġu mħarrġa kemm f'ħiliet għad-dinja tax-xogħol, kif ukoll f'ħiliet biex dawn l-individwi jibdew jgħixu ħajja indipendenti.

Għalissa għad m'hemmx taħriġ speċjali għall-għalliema/għal min iħarreġ, fuq kif jistgħu jgħinu lill-adoloxxenti jew adulti żgħar li jbatu bl-awtiżmu, jew li għandhom xi diffikultajiet fit-tagħlim; għalkemm l-idea ta' dan it-taħriġ qiegħda fil-proċess ta' żvilupp. Persuni b'diżabilità jingħataw l-għajnuna mill-familjari tagħhom, kif ukoll benefiċċji finanzjarji mill-Gvern. Bħalissa, il-Gvern għandu wkoll skema li tipprovdi għajnuna lill-individwi li jibdew jaħdmu. Din hi inċentiv ukoll għal min iħaddem. Infatti, hemm xi istituzzjonijiet, kemm pubbliċi kif ukoll indipendenti li jipprovdu taħriġ vokazzjonali. Għalkemm hemm nuqqas kbir fir-rabta bejn it-taħriġ li jingħata u x-xogħol. Madankollu, ir-rabta xierqa mit-taħriġ offrut għall-impjieg, tidher li hi fattur komuni li ħafna drabi jkun nieqes.

L-għajnuna qiegħda tingħata kemm minn organizzazzjonijiet governattivi, kif ukoll minn oħrajn li mhumiex: Aġenzija Support, Korporazzjoni tat-Taħriġ u l-Impjieg (ETC), Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità (KNPD), Skejjel Speċjali u Ċentri ta' Riżorsi (li jagħmlu parti mis-Sistema Edukattiva Formali), Kulleġġ għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Fondazzjoni Inspire Malta (NGO).
Probabbli, it-taħriġ li jiġi offrut fis-sistema edukattiva formali/ l-iskejjel dominanti, lil nies li jbatu bl-awtiżmu jew li għandhom xi diffikultajiet fit-tagħlim, mhuwiex jipprovdilhom il-ħiliet addattat biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Bħalissa mhuwiex qiegħed isir biżżejjed: hemm bżonn ta' aktar taħriġ intensiv, prattika, gwida u għajnuna fuq ix-xogħol, b'attenzjoni speċjali fuq kif dawn l-individwi jistgħu jiksbu xogħol. Anke d-dipartiment tar-riżorsi umani u dawk li jħaddmu, għandhom bżonn taħriġ fuq kif jagħtu l-għajnuna tagħhom lil individwi żvantaġġjati fuq il-post tax-xogħol.

Bħalissa, bis-saħħa tal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u l-Impjieg (ETC) u taċ-Ċentru tar-Riżorsi, qegħdin jiġu implimentati programmi bil-għan li jgħinu lill-persuni b'diżabilità biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Madankollu, s'issa f'Malta għad m'hawnx taħriġ formali għal *Job Coaches*, anke jekk diversi skejjel u ċentri tal-VET, qegħdin jaħdmu b'mod kollaborattiv mal-Gvern biex tiġi żviluppata. *Learning support assistants (LSA), care workers* u professjonisti li jassistu persuni b'diżabilità, jew ASD, probabbli, m'għandhomx l-għarfien speċifiku li hu meħtieġ biex janalizzaw il-ħiliet tagħhom u jgħinuhom fit-tranżizzjoni għad-dinja tax-xogħol.

3.5. TURKIJA

**Fit-Turkija**, hemm tliet modi differenti ta' kif tiġi pprattikata l-inklużjoni fl-edukazzjoni, li hi parti importanti kemm fl-edukazzjoni speċifika kif ukoll ġenerali.

*Inklużjoni full-time* – Ir-reġistrazzjoni tal-istudent f'waħda mill-edukazzjoni speċjali hi fi klassi normali; l-istudent jingħata l-edukazzjoni fi klassi normali, b'mod *full-time*. Servizzi għall-għajnuna speċjali edukattiva (kmamar għall-għajnuna edukattiva), materjali edukattivi u għodod speċjali jingħataw lill-istudenti li għandhom bżonn edukazzjoni speċjali. Dan isir biex huma jkunu jistgħu jkollhom l-istess edukazzjoni mal-ħbieb tagħhom, fil-*pre-school*, fil-primarja, fis-sekondarja u fl-istituzzjonijiet edukattivi li mhumiex formali, u jkunu jistgħu joqogħdu mal-ħbieb tagħhom fl-istess klassi. Din tgħinhom ukoll għall-integrazzjoni soċjali. Il-programmi edukattivi huma prattikati mill-individwi u jsir kull tibdil fiżiku fejn ikun meħtieġ.

L-istudenti li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom permezz tal-inklużjoni *full-time*, isegwu l-programm edukattiv li jsir fl-iskejjel tal-istudenti li m'għandhom l-ebda nuqqas. Il-popolazzjoni tal-klassijiet fl-iskejjel fejn il-metodi tal-inklużjoni huma użati, se tkun iddisinjata f'istituzzjonijiet edukattivi ta' qabel l-iskola (*pre-school*) b'massimu ta' 10 jekk ikun hemm 2 studenti li għandhom bżonnijiet speċjali fl-edukazzjoni, u 20 f'każ li jkun hemm student wieħed. Fil-livelli l-oħra tal-istituzzjonijiet edukattivi, in-numri għandhom ikunu ta' 25, jekk ikun hemm żewġ studenti li għandhom bżonnijiet speċjali, u ta' 35 jekk ikun hemm wieħed/waħda. Il-massimu ta' studenti għall-edukazzjoni inklussiva huwa ta' żewġ studenti f'kull klassi, imqassma b'mod ugwali fl-iskola. Primarjament, hi mogħtija lil dawk l-individwi li għandhom bżonn edukazzjoni speċjali, sabiex b'hekk jingħataw l-edukazzjoni mal-ħbieb li m'għandhom l-ebda nuqqas, fl-istess istituzzjoni. (Regolamenti għal Servizzi ta' Edukazzjoni Speċjali, Artiklu 23/2a)

Fil-pajjiż tagħna, ħafna mill-edukazzjoni inklussiva ssir *full-time*.

*Integrazzjoni Half-time*: Inklużjoni *half-time* ssir minn studenti li għal xi wħud mil-lezzjonijiet jew xi attivitajiet, imorru fil-klassi mal-kumplament ta' sħabhom li m'għandhom l-ebda nuqqas.
(Regolamenti għal Servizzi ta' Edukazzjoni Speċjali, Artiklu 23/2b)
Ir-reġistru tal-istudent li għandu bżonn edukazzjoni speċjali, jinsab fil-klassi għall-edukazzjoni speċjali. L-istudent li għandu bżonnijiet speċjali, qiegħed jingħata lezzjonijiet f'dawk li hu/hi se jagħmlu suċċess mal-ħbieb tagħhom.

Dawk l-istudenti fil-klassijiet tal-edukazzjoni speċjali, li qegħdin fl-etajiet tal-iskola primarja obbligatorja, u huma kapaċi jsegwu programm ta' skola primarja, jagħmlu dan bla tfixkil ta' xejn. L-istudenti li jkomplu bl-edukazzjoni speċjali, ikollhom Programm Edukattiv Individwali (IEP), skont il-bżonnijiet tagħhom. Il-massimu tal-popolazzjoni tal-edukazzjoni speċjali: 10 fl-edukazzjoni *pre-school* u fl-iskola primarja, 15 fl-iskola sekondarja u fl-edukazzjoni mhux formali. Imma għal studenti li jbatu bl-awtiżmu, il-popolazzjoni tal-klassijiet hi dik ta' massimu ta' 4 fil-livelli kollha. Fil-prattiċi tal-inklużjoni *half-time*, matul xi lezzjonijiet għall-klassijiet normali, huwa pruvat li jagħti massimu ta' 2 studenti b'diffikultajiet b'mod ugwali f'kull klassi.

Dawk l-istudenti li ma jistgħux isegwu l-edukazzjoni obbligatorja fl-iskola primarja, isegwu programm speċjali edukattiv, li jgħinhom fin-nuqqasijiet tagħhom. Dan isir fil-klassijiet tal-edukazzjoni speċjali. Waqt li jkunu qegħdin jiġu ppreparati l-IEPs, wieħed iżomm f'moħħu l-programm edukattiv li jkunu qegħdin isegwu. Dawk l-istudenti li jiggradwaw mill-programmi speċjali edukattivi tal-*Educational Program of School for Mentally Retarded, Educational Program for Autistic Children,* ma jingħatawx diploma tal-iskola primarja.

(Regolamenti għal Servizzi ta' Edukazzjoni Speċjali, Artiklu 23/2-ı)

*Inklużjoni bil-Kontra* – Matul l-edukazzjoni ta' qabel il-primarja (*pre-school*), dawk l-istudenti li m'għandhom l-ebda nuqqas, jistgħu jirreġistraw b'mod liberu fil-klassijiet tal-edukazzjoni speċjali. Il-popolazzjoni ta' dawn l-iskejjel tikkonsisti minn; massimu ta' 14 fil-*pre-school,* li ħamsa minnhom ikunu studenti li għandhom bżonn edukazzjoni speċjali, 20 fl-iskola primarja u sekondarja, 10 fl-edukazzjoni formali.

Il-prattiċi tal-inklużjoni fi skejjel u f'istituzzjonijiet speċjalizzati, li qed jużaw il-programm tal-iskola primarja, jistgħu jaħdmu b'dan il-mod: l-istudenti li għandhom bżonn edukazzjoni speċjali jingħataw l-edukazzjoni fl-istess klassi ma' sħabhom jew għal dawk l-istudenti li m'għandhom l-ebda nuqqas, f'dawn l-istituzzjonijiet tal-iskejjel, ikun hemm klassi separata għalihom.

## 4 L-EVALWAZZJONI TAR-RIUŻABILITÀ U L-ASPETTAZZJONIJIET TAL-KORS TA' TAĦRIĠ GĦALL-INDIVIDWU LI JĦADDEM, FL-ITALJA, FL-AWSTRIJA, FI SPANJA, F'MALTA U FIT-TURKIJA.

Il-paragrafi t'hawn taħt, jagħtu ħarsa ħafifa lejn il-punti ewlenin li ħarġu mill-intervisti li saru fi tliet kwestjonarji differenti.
B'mod ġenerali, it-taħriġ li jiġi offrut fis-sistema edukattiva formali / fl-iskejjel dominanti, lil nies li jbatu bl-awtiżmu jew li għandhom xi diffikultajiet fit-tagħlim, mhuwiex jipprovdilhom il-ħiliet adattati biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, ladarba jkunu lestew mill-iskola sekondarja.
Bażikament, filwaqt li fil-pajjiżi kollha, l-integrazzjoni skolastika ta' persuni b'diżabilità, mill-età ta' tliet snin sa dsatax-il sena, hi waħda sigura u adekwata, il-ħruġ mis-sistema skolastika, u l-passaġġ li jorbot il-proġett edukattiv mal-proġett tal-ħajja, għadu pjuttost dgħajjef u mhuwiex sigur. Minkejja li qiegħda tingħata l-għajnuna kemm mill-istituzzjonijiet governattivi, kif ukoll minn dawk li mhumiex governattivi, xorta waħda mhijiex biżżejjed, u mhijiex qiegħda tiġi ġġudikata b'mod tajjeb mill-maġġoranza tal-parteċipanti.

**L-objettiv ġenerali li għandu jiġi segwit u rikonoxxut minn kulħadd, huwa li jagħti tifsira u sodisfazzjon lill-edukazzjoni taż-żgħażagħ b'diżabilità, mill-inklużjoni fl-iskola, sal-inklużjoni fis-soċjetà.**

**L-analiżi tar-riużabilità tal-programm tat-taħriġ** iġġiegħel lill-għalliema u lill-edukaturi involuti fir-riċerka, biex jagħmlu enfasi fuq l-importanza tal-akkwist tal-abilitajiet, biex tiġi ddisinjata t-tranżizzjoni għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità, u biex jagħmlu enfasi fuq is-separazzjoni tal-karatteristiċi tad-dinja edukattiva, u dawk tad-dinja tax-xogħol.

Fl-Italja, il-pass tat-tranżizzjoni bejn l-iskola u d-dinja tax-xogħol għadu wieħed dgħajjef.

L-għarfien u l-analiżi fil-fond, tal-kuntest/tal-ambjent tax-xogħol huma elementi importanti, li sfortunatament mhumiex qegħdin jiġu trattati l-iskola. B'konsegwenza ta' dan, il-kompetenzi li qegħdin jiġu murija lill-persuni b'diżabilità, huma dawk meħtieġa fi skola normali. Għalhekk l-attitudnijiet u l-potenzjalità meħtieġa, qegħdin jibqgħu fil-ġenb ta' dan il-proġett.

L-attenzjoni għandha tkun fuq l-involviment ta' dawk kollha involuti u responsabbli mill-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol, li jinkludu l-*"welcoming party"* fuq il-post tax-xogħol u li jistabbilixxu mudel t'immaniġġjar li jgħin fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. Dan għandu jkun maqsum bejn l-imsieħba tan-netwerk li qed jgħinu fl-integrazzjoni.

Fi Spanja, il-problema identifikati mill-professjonisti hi dik li t-taħriġ ma jispiċċa qatt. Minflok jingħataw ix-xogħol u wara jiġu mħarrġa skont it-*tasks* li jiġu żviluppati, dawn jingħataw taħriġ li

ma jispiċċa qatt.

Sal-lum, l-istaff tal-iskola jimplimenta l-istrateġiji kollha neċessarji, li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għall-adultezza għaż-żgħażagħ li għandhom xi forma ta' diżabilità. Minkejja li dan jagħmluh b'intenzjoni tajba u b'passjoni, ma jirreferu għall-ebda teorija jew mudelli ideali.

F'Malta, ħafna mill-professjonisti li huma involuti fl-edukazzjoni ta' persuni b'diżabilità, qalu li s'issa m'hemm l-ebda mudelli formali ta' taħriġ, u prattikament huma jitgħallmu mill-esperjenza. Fi Spanja, fl-Italja u fit-Turkija, hemm xi programmi li ħafna minnhom huma indirizzati lejn studji akkademiċi.

Madankollu, fl-Awstrija, is-sitwazzjoni hi differenti; għax anke jekk it-taħriġ għal min iħaddem, ma jkunx iffukat fuq kif taħdem ma' nies b'ASD, il-livell tal-edukazzjoni tal-għalliema u ta' min iħarreġ hu pjuttost għoli. Għalhekk il-programm tat-taħriġ Jo Tra Di, jkun jista' jiġi adattat u tingħata aktar importanza fuq il-parti tat-taħriġ.

**Evalwazzjoni tal-mudell ta' taħriġ ta' Jo Tra Di**

B'mod ġenerali, il-parteċipanti qalu li l-"Proġett Jo Tra Di", kien wieħed utli u kien inizjattiva tajba ħafna. Fl-aħħar tat-taħriġ, l-elementi innovattivi tal-ħiliet tal-persuni li jħarreġ, jagħtu l-possibilità li:

- jidentifikaw u jirrelataw mas-suġġetti li jgħinu liż-żgħażagħ b'diżabilità, jaħdmu fuq il-post tax-xogħol,
- janalizzaw id-diżabilitajiet u l-potenzjal tal-persuna, f'relazzjoni mal-kuntest soċjali tal-kollokament,
- flimkien mal-familji, josservaw u jużaw l-opportunitajiet li jingħataw lill-persuni b'diżabilità.
- jħaddmu u jiffavorixxu l-kollokament tan-nies fin-negozju u jieħdu ħsieb stadji differenti fix-xogħol.

Fuq din tal-aħħar, huma jistgħu:

Jidentifikaw l-ambjent tax-xogħol, li jrid ikun aġġornat mal-aspettazzjonijiet, mal-potenzjali u mal-karatteristiċi tal-persuna u l-preparazzjoni.

Jidentifikaw il-ħiliet meħtieġa għall-ambjent li jkunu fih.

Jippjanaw u jimplimentaw programmi ta' taħriġ li jkunu addattati għalihom, li jkunu ġew maħluqa biex isaħħu u / jew jiżviluppaw il-ħiliet taż-żgħażagħ f'relazzjoni mal-bżonnijiet tal-ambjent.

Josservaw l-esperjenza skont il-kuntest tax-xogħol.

**L-istruttura tat-taħriġ kienet adekwata, imma l-istedina għandha terġa' tikkunsidra kemm it-tul taż-żmien, li ġie assessjat bħala wieħed li fih ħafna xogħol, u l-mod ta' kif it-taħriġ għandu jingħata.**

Fl-Italja, dawk li ġew intervistati jaħsbu li l-programm hu komplet. Però huma jissuġġerixxu li għandhom jiżdiedu s-sigħat ta' *internship*. Apparti minn hekk, peress li dan il-kors jinvolvi ħafna xogħol, huma jissuġġerixxu li dan għandu jiġi konoxxut bħala parti mill-attivitajiet tal-għalliema. Sabiex ikun hemm rispons għat-tibdiliet li jistgħu jseħħu fil-prattika f'persuni b'diżabilità, dawk li ġew intervistati għamlu enfasi, li għandu jiġi aċċettat l-involviment tal-familji u jippromwovu l-flessibilità meħtieġa tax-xogħol.

Bħalma ntqal qabel, fl-Awstrija dan it-taħriġ qiegħed jiġi kkunsidrat bħala twil wisq, imma hu biżżejjed għall-assessjar u l-preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol, imma mhux biżżejjed għall-ASD (pożittività u dgħufijiet) u bżonnijiet speċifiċi għas-suq tax-xogħol.

Fi Spanja, il-parteċipanti kkummentaw li għandha tiżdied taqsima, dwar kif tippreżenta b'mod pożittiv, kandidat bi bżonnijiet speċjali lil dawk li jħaddmu u taqsima oħra dwar l-irwol tal-*"job-facilitator"*, peress li dan l-irwol hu wieħed pjuttost ġdid fi Spanja.

Xi wħud mill-professjonisti kkummentaw, li minflok il-kors isir matul diversi xhur, ikun aktar utli jekk jinżamm ix-xogħol u t-taqsimiet kollha li jinvolvi, imma jsir b'mod intensiv f'xahar jew f'xahrejn, b'massimu ta' tliet sigħat kuljum.

Sabiex dan it-taħriġ ikun wieħed li jista' jerġa' jintuża fil-kuntest Spanjol, il-kors għandu jipprovdi:

- ideat innovattivi biex wieħed ikun jista' jgħin fit-tisħiħ tas-*self-esteem,* u fl-iżvilupp personali taż-żgħażagħ b'diżabilità,
- perjodu prattiku għall-kwalità,
- stabbilità fir-relazzjoni ma' dawk li jħaddmu.

Peress li dan il-kors hu indirizzat lill-professjonisti, li jkunu mħabbtin ħafna bir-rutina tagħhom, ġie ssuġġeriet li dan il-kors għandu jkun intensiv u l-parteċipanti jingħataw *degree* uffiċjali.

Fit-Turkija

"Fit-Turkija, il-faċilitajiet ta' gwida għal persuna diżabbli huma wisq dgħajfin, biex jidderiġu individwi fi professjoni tajba. Minn kif jidher, peress li m'hemmx gwida biżżejjed fl-edukazzjoni sekondarja u dik aktar għolja, persuna tista' tiddeċiedi waħedha jekk tkomplix l-istudji tagħha fl-università. Għalhekk it-Turkija għandha bżonn reviżjoni tat-taħriġ tal-Jo Tra Di – 145h+95h+20h = total ta' 260 siegħa. Ikun hemm ukoll ħin żejjed sabiex ikun jista' jiġi osservat xi grupp, u l-kompetenzi tiegħu."

F'Malta, skont l-aspettazzjonijiet tal-parteċipanti Maltin, il-programm ta' taħriġ għal *Job Coaches*, għandu jipprovdihom b'aktar informazzjoni dettaljata dwar l-awtiżmu u diffikultajiet oħra ta'

tagħlim, kif ukoll aspetti dwar id-dinja tas-suq u l-leġiżlazzjoni. Sostnew ukoll, li għandu jkun hemm bilanċ bejn it-teorija u l-prattika. Qalu wkoll li dan it-taħriġ għandu jiġi rikonoxxut b'ċertifikat nazzjonali u jidentifika postijiet tax-xogħol xierqa, biex jassiguraw li persuni b'diżabilità jkunu qegħdin jaħdmu fl-aħjar ambjent għalihom.

**L-analiżi tal-aspettazzjonijiet**

L-analiżi tal-aspettazzjoni tal-mudell tat-taħriġ propost, li sar bl-involviment tal-familji, tas-servizzi dedikati, tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, tan-negozji u tal-i*stakeholders*, jirreferi għall-istess ħtieġa, li jiġu addattati l-ħiliet tal-iskola, biex ikunu jaqblu mal-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità. B'mod ġenerali, l-aspettazzjonijiet jinkludu l-iżvilupp ta' għarfien speċifiku fuq tipi differenti u abilitajiet differenti tal-individwi, fuq l-abilità ta' netwerk, fuq l-identifikazzjoni u l-attivazzjoni tal-opportunitajiet li jiġu offruti fit-territorju, fuq iż-żieda tal-għarfien tal-post tax-xogħol, sabiex l-edukazzjoni tilħaq il-ħtiġijiet tan-negozji.

Il-prototip tal-kors ta' taħriġ, diġà jinkludi numru ta' punti importanti li jinvolvu l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol.

Ġie stabbilit, li bħala punt ta' tluq għall-identifikazzjoni għal xogħol u ambjent xieraq, għandu jiġi żviluppat l-għarfien ta' kif jiġu analizzati l-ħiliet u l-karatteristiċi sensorji; dan għandu jkun ta' benefiċċju, kemm għall-persuna kkonċernata, kif ukoll għal min iħaddem.

Jekk ikun hemm aktar preparazzjoni fl-iskola, il-qabża bejn l-edukazzjoni u x-xogħol tkun iżgħar, u b'dan il-mod, it-taħriġ li jingħata jservi bħala rabta bejniethom.

It-taħriġ għandu jipprovdi lill-għalliema b'informazzjoni dettaljata dwar l-awtiżmu u dwar diffikultajiet oħra ta' tagħlim. Il-każijiet ta' studju, u l-assenjamenti prattiċi għandhom jiġu inkorporati flimkien, u jingħaqdu mal-osservazzjonijiet professjonali f'din it-taqsima. L-għalliema għandhom jiġu intervistati qabel ma jibda t-taħriġ, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu magħżula skont l-ambjent li ġejjin minnu, skont l-ammont ta' dedikazzjoni li għandhom, u l-attitudni pożittiva li għandhom.

Dawk li jħarrġu għandu jkollhom għarfien fuq id-dinja tax-xogħol u fuq il-leġiżlazzjoni rispettiva, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-punti ta' min iħaddem. Barra minn hekk, ikunu jistgħu wkoll jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-individwu, kif ukoll jiżviluppaw xi kompetenzi biex jidentifikaw post tax-xogħol xieraq u ambjent tajjeb, għall-persuna b'diżabilità.

Dan il-kors jista' jiġi mmirat ukoll lejn min iħaddem, u l-maniġers tar-riżorsi umani, sabiex b'hekk ibiddlu l-mentalità u l-isterjotipi, li ħafna drabi jagħtu lill-persuni b'diżabilità.

Ħareġ ukoll il-bżonn li dan il-kors jiġi rikonoxxut b'ċertifikat nazzjonali u jiġi segwit b'taħriġ, sabiex b'hekk ikun hemm garanzija ta' żvilupp kontinwu b'mod professjonali.

L-attivazzjoni ta' dan it-taħriġ għal min iħarreġ, għandha tieħu f'kunsiderazzjoni karatteristiċi

strutturali, f'termini ta' pożittività u dgħufijiet (bħalma deher fir-riċerka li saret), fis-sistema kollha tas-servizzi, li jagħtu għajnuna lill-persuni b'diżabilità waqt il-kollokament f'impjieg. Dan għandu jseħħ ukoll fi ħdan l-involviment tal-atturi kollha tan-netwerk, fl-isfidi tal-għanijiet bħal meta mudell ta' impjieg ta' nies b'diżabilità jiġi addottat mill-għalliema u mill-edukaturi, fl-implimentazzjoni tal-prattiċi, fl-iżvilupp tax-xogħol b'kooperazzjoni għall-bidla tal-intervenzjonijiet, u fil-promozzjoni tal-opportunitajiet għad-diskussjoni bejn l-iskola, il-familja u s-servizzi.

## 5 RIKOMANDAZZJONIJIET

**Approċċ lejn ix-Xogħol**

Minn Tom Zuljevic-Salamon – Die Querdenker

Punt ewlieni fil-proċess tal-integrazzjoni huwa l-kuntrarju tal-approċċ. Ninnutaw li meta x-xogħol ikun fil-bidu, dan iwassal għal sustenibilià fl-abilità tax-xogħol. Dan għaliex il-kapaċità tax-xogħol trid tkun eżistenti mill-bidu, sabiex ikun hemm integrazzjoni ta-suċċess għal tul ta' żmien.
Pereżempju: It-tagħlim individwali ta' *Querdenker*

It-tagħlim individwali mhuwiex azzjoni ta' grupp sħiħ, imma offerta waħda li hi primarjament immirata għal grupp sħiħ ta' dawk in-nies li qed ifittxu xogħol u/ jew dawk li jinsabu mingħajr xogħol. Skont il-ħtiġijiet tiegħek u skont l-interferenzi, il-programm hu adattat biex jilħaq il-ħtiġijiet tal-persuni fil-mira. Fil-kontenut tal-programm, it-tul ta' żmien huwa ukoll adattat skont il-ħtigijiet tal-parteċipanti. L-unika aspett li mhuwiex varjabbli huwa l-attitudni li tiffoka esklusivament fuq il-ħtiġijiet u dak li hu mitlub mill-parteċipanti, u mhux dak li hu mitlub mill-organizzazzjoni li ġiet kummissjonata.

Iż-żewġ pilastri l-aktar importanti ta' dan il-programm, huma li primarjament id-dibattitu intensiv fuq l-argument tal-abilità personali tax-xogħol u fuq l-attentat ta' prova, ta' process, ta' kreazzjonijiet tax-xogħlijiet.

Skont Juhani Illmarinen fil-modifikazzjoni tad-Djar tal-abilità tax-xogħol, huwa żviluppa mudell fuq erba' pilastri biex tinħoloq sitwazzjoni kemm jista' jkun realistika għall-parteċipanti tagħna. Dawn ir-riżultati huma l-pedamenti tal-proċess kontinwu tal-integrazzjoni u tal-kreazzjoni tax-xogħlijiet.




Grafika: Sistema ta' *working capacity* ta' Zuljevic-Salamon

Dan il-mudell huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni fundamentali li mhuwiex ix-xogħol li jikkontribwixxi għall-ħajja, iżda hija l-ħajja li għandha ġġorr ix-xogħol. Fi proċess intensiv ta' tagħlim, it-tifsira individwali hija spjegata u analizzata u l-mistoqsija importanti fil-proċess hi jekk ix-xogħol jistax fundamentalment jikkunsinna u jlaħħaq il-pretensjonijiet diversi.

Fil-proċess tat-tnixxija tal-pretensjonijiet tax-xogħol, ħafna drabi ċ-ċavetta li twassal għal soluzzjoni sostenibbli hija t-tnaqqis tas-sitwazzjoni nnifisha. Din ukoll tfisser aktar rilassament għax ħafna drabi; id-dominanza esaġerata u l-importanza tas-suġġett tax-xogħol huwa mnaqqsa lejn tmiem id-dibattitu. Is-simboliżmu tad-dar u tas-saqaf fl-amilà tax-xogħol tissimbolizza u tikklarifika l-protezzjoni u turi li l-abilità biex taħdem hija inerenti f'kull qasam ta' ħajjitna u fil-personalità tagħna.

Jekk dan is-saqaf jiġrilu l-ħsara jew ma jibqax jeżisti, hemm impatt dirett u mill-aktar negattiv tax-xogħol. Dan għaliex in-nies jistgħu jispiċċaw bla protezzjoni u b'hekk ix-xogħol jista' jaċċessa mingħajr l-ebda filtru s-saħħa u l-familja u jikkmandalna ħajjitna kollha.

Għalhekk, l-oġġettiv tal-proċess ta' tagħlim huwa fuq naħa l-evoluzzjoni tal-kompetenza tax-xogħol li ġġiegħel fejqan mgħaġġel ta' dan u, fuq in-naħa l-oħra, l-aġġustament ottimali ta' xogħol kif ukoll ta' xogħljiet oħra assoċjati, pressjonijiet, stennija u ħtiġijiet tal-profil tal-kompetenzi tax-xogħol tal-individwi li qed jipparteċipaw.

**Il-ħames komponenti essenzjali ta' dan, huma:**

1. **L-istorja - Anamnesis**

F'kuntest waħdieni x-xogħol għandu importanza kbira u għalhekk hemm bżonn li nieħdu ħsieb li niddisinjaw il-kuntest. M'hemm l-ebda grupp biex juża r-riżorsi tal-grupp stess jew biex jistaħba warajh. Bħala konsulent / kif ukoll parteċipant / parteċipant mill-ewwel mument tal-kuntatt u fi proċess intensiv ta' diskussjoni. Għalhekk, il-punt ta' attenzjoni u li tkun konxju huwa ħafna aktar importanti mill-kuntest tal-grupp.

L-għan huwa li titgħallem dak kollu dwar l-istorja tal-parteċipant, u li tagħti din il-possibilità lil parteċipant. Aktar ma tkun kompleta l-istampa, ir-riskju li tinqabeż xi diffikultà jew periklu, ħa jkun inqas. Mhuwiex biżżejjed li tippremja indeboliment u bżonnijiet prinċipali u ma tistax tidentifika sterjotipi fil-karriera.

**2. Xogħol iffukat fuq it-talent**

L-identifikazzjoni ta talenti eżistenti tirrappreżenta l-ewwel pass fl-approċċ sħiħ tax-xogħol kompitenti. Irrid nirrealliżża x'tip ta talenti jien mgħammar bihom u billi noħloq ħoloq mad-dinja kemm ta kuljum kif ukoll dik proffessjonali, huwa important bħala l-ewwel pass lejn il-ftuħ ta xinu dak li l-aktar nixtieq nagħmel fil-futur.

Bix-xogħol iffukat fuq it-talent, il-mistoqsija bażika tal-orjentazzjoni ta' dan il-proċess hija trattata. Ħafna drabi għall-parteċipanti, l-għarfien bażiku tat-talenti huwa preżenti. Dan hu mument prinċipali u li jħaffef it-tmexxija tal-proċess. Ir-raġuni għal dan huwa li ħafna drabi n-nies li qed jużaw dan l-approċċ jaħlu għexieren ta' snin f'defiċit tal-orjentazzjoni fil-perċezzjoni tal-personalità tagħhom infushom u tal-potenzjal tagħhom stess.

**3. Assessjar tal-Abilitajiet**

L-Assessjar tal-Abilitajiet huwa kollezzjoni tar-riżultati kollha li huma disponibbli fit-taqsimiet ta' abilitajiet *soft* u *hard*. Waqt li s-soltu mhijiex diffiċli biex jinġabru r-riżultati mit-taqsima tal-abilitajiet *hard*, għax dawn is-soltu huma evidenti f'ċertifikati u konfermazzjonijiet, hija ħafna aktar diffiċli biex tkejjel l-abilitajiet '*soft*' u dawk soċjali tal-parteċipanti, u biex tevalwahom jekk ikun hemm il-ħtieġa. Għaldaqstant, jeżistu proċeduri biżżejjed biex tkun tista' tevalwa dawn l-abilitajiet '*soft*' u biex tesponi r-riżultati f'manjiera li tkun tiftiehem minn kulħadd.

L-għan hu li toħloq bilanċ ta' abilitajiet eżistenti sa tmiem il-proċess. Dan il-bilanċ hu komponent fundamentali għall-orjentazzjoniet futuri u proċessi tal-ħolqien tal-impjiegi. Filwaqt li huwa kemxejn faċli għall-parteċipanti biex jitkellmu fuq il-prodotti u l-kapaċitajiet tagħhom, huwa ħafna aktar diffiċli biex jagħtu informazzjoni fuq l-aktar abilitajiet '*soft*' tagħhom. Il-flessibilità, l-abilitajiet ta' komunikazzjoni, l-abilitajiet kritiċi, il-ħidma fi grupp, l-abilitajiet tat-tmexxija, abilitajiet biex issolvi problemi, abilitajiet organizzattivi, u abilitajiet motivazzjonali huma kollha ċ-ċentru tal-attenzjoni f'dan ir-rigward.

**4. Dak li verament nixtieq**

Wara li dan il-qasam ġie editjat b'mod estensiv b'attenzjoni, apprezzament, rispett kif ukoll metodi biex issaħħaħ lilek innifsek u l-attitudnijiet tiegħek, issa huwa ż-żmien biex toħroġ il-punti ewlenin f'dan il-proċess tal-integrazzjoni. Biex twieġeb il-mistoqsija, huwa neċessarju li tkun qrib tiegħek innifsek u biex temmen kemxejn fundamentali fil-viżjoni u l-possibilià. Hawnhekk il-parteċipanti

għandhom bżonn l-aktar sapport mingħand il-konsulenti tagħhom, u huwa biss f'ambjent ta' rispett, apprezzament u kuxjenza fik innifsek li dan l-esperiment ikun ta' suċċess.

Jekk dan l-esperiment ikun ta' suċċess, ikun kapaċi jipprovdi mija fil-mija l-motivazzjoni li twassal għal bidla konstruttiva. Il-proċess li jwassal għal din it-tweġiba huwa ta' vjaġġ tal-eroj, li huwa l-ewwel pass tal-bidla tiegħi nnifsi. Barra minn hekk, jiena qiegħed fit-triq fejn ser niltaqa' ma' bosta diffikultajiet. Iżda, fl-istess ħin, jien xorta qed nesperjenza sapport u għajnuna minn barra u billi niftakar kif qed negħleb l-isfidi; li hija parti mir-riżorsi tiegħi, qed nissaħħaħ minn ġewwa.
Imbagħad jiġi l-waqt għal diversi attentati biex negħleb u nirrealizza l-bidla u l-aħħar żvilupp fir-rutina tal-ħajja ġdida jew il-mod ġdid ta' ħajti. Fl-aħħar ta' din il-fażi nsibu l-viżjoni tal-oġġettivi personali tal-parteċipanti. Ħafna drabi l-għanijiet huma evidenti mill-parteċipant innifsu, kif ukoll, drabi oħra jkunu oġġettivi kbar u għal tul ta' żmien. Tant ikunu kbar li xi drabi l-parteċipant ikollu jaqsamhom f'għanijiet iżgħar biex ikunu aktar aċċessibbli.

Huwa ċar u importanti l-fatt li mhux aħna bħala konsulenti għandna l-poter biex niddefinixxu l-oġġettivi, iżda l-parteċipanti jridu jifformulawhom u aħna kemm nagħtuhom l-għodod neċessarji biex huma jkunu jistgħu jagħmlu dan il-pass. Aħna bħala konsultenti f'dan l-istadju rridu nieħdu l-funzjoni ta' moderaturi u kemm nieħdu noti u naraw li niżviluppaw umiltà u nuru apprezzament lejn ir-riżultati, anke jekk ir-riżultati milħuqa f'dan l-istadju tal-proċess ikunu bil-maqlub tar-riżultati intenzjonati li jintlaħqu fi tmiem ta' dan ix-xogħol. L-esperjenza turi li l-paċenzja twassal għall-frott tant mixtieq aktar 'il quddiem.

**5. Evalwazzjoni – Frott tar-Riżultat**

Din il-fażi tal-proċess ser tgħaqqad l-informazzjoni kollha mal-fatti li nġabru flimkien u ser ninterpretawhom. Speċjalment meta naħdmu ma' gruppi problematiċi fis-swieq tax-xogħlijiet, dan il-proċess huwa ta' importanza kbira għax aħna bħala konsulenti għandna wkoll l-irwol li nagħmlu kollox b'mod trasparenti u viżibbli, biex nippromwovu l-għarfien tal-pożittività u l-abilitajiet tal-klijenti, kif ukoll it-talenti u l-ħiliet tagħhom.

L-għarfien ta' din l-informazzjoni potenzjali huwa wkoll sfida għall-konsulent għax ħafna drabi jkunu moħbija sew fis-sigrieti. Jekk dan il-pass ikun ta' suċċess kbir, dan ikun l-invit għall-pass li jmiss fil-proċess biex nidentifika eżatt eżatt x'irrid nagħmel. Xewqat u ħolm issa huma loġiċi u mhux aktar diffiċli. Jekk din il-bidla ma tintlaħaqx, ma tkunx ta' sorpriża li l-parteċipanti ma jkunux imħeġġa li jikkunsidraw soluzzjonijiet ġodda, kreattivi u innovattivi għall-karriera u t-tibdil fil-ħajja tagħhom. Iżda, jekk dan il-pass ikun ta' suċċess, il-parteċipanti jkunu kuraġġużi u motivati biex jinvolvu ruħhom f'dan l-esperiment. Dawn l-esperimenti huma neċessarji biex jinħoloq suċċess

sostenibbli, ’il bogħod mis-soluzzjonijiet komuni. Fi tmiem ta’ dan il-proċess ikun imiss l-ippjanar konkret – il-mudell solidu – tar-riżultati kkombinati f’daqqa flimkien bl-informazzjoni u l-passi ta’ assigurazzjoni.

Dan jirrappreżenta mument kważi solenni fejn il-biċċiet kollha huma magħqudin fi stampa kompluta mingħajr ma jifdal l-ebda biċċiet li ma jkunux ċari jew evidenti.

Fl-aħħar ta’ dan l-istadju jasal l-għan tal-ippjanar. F’dan il-qafas huwa possibli li jitressqu l-bżonnijiet integrati (meħtieġa minn dawk li qed iħallsu), iżda biss bħala parti mill-istampa sħiħa. L-esperjenza turi li f’każ li l-erba’ pilastri jerġgħu jiġu intatti u jaħdmu l-erbgħa li huma, allura s-saqaf tal-abilità tax-xogħol jista’ jerġa’ jiġi mlibbes u b’hekk jipprovdi l-protezzjoni neċessarja.

**6. Kreazzjoni tal-impjiegi**

Il-proċess tal-kreazzjoni tal-impjiegi huwa konsegwenza loġika tal-proċess preliminari.

Dan ifisser it-tqabbil attiv kif ukoll it-tibdil ta’ xogħlijiet skont il-gosti u l-profili biex jiġu mqabbla kemm jista’ jkun mal-kapaċitajiet tax-xogħol tal-parteċipanti.

Għal dan il-proċess iż-żewġ aspetti huma neċessarji; primarjament, it-tqabbil intensiv tal-kapaċitajiet tax-xogħol tal-parteċipanti kif ukoll l-eżaminar intensiv tad-diskrizzjonijiet tax-xogħlijiet u l-kundizzjonijiet tal-impjieg.

L-informazzjoni kollha disponibbli hija utli u importanti. Il-lokalitajiet tal-impjiegi wkoll iridu jiġu identifikati u attwalment imqabbla. Iżda, il-kreazzjoni kompleta tal-impjiegi ġodda flimkien mal-profili assoċjati, iridu dejjem jiġu kunsidrati.

**7. Staff**

Il-proċess kif ukoll ix-xogħol relatat huwa magħmul minn tim interdixxiplinarju ta’ nies b’esperjenza u taħriġ vast. Taħriġ kontinwu u ħidma ta’ tisħiħ mad-disinn tal-proċess kif ukoll mal-kundizzjonijiet neċessarji huma parti importanti ta’ dawn in-nies. Minn barra l-attitudni personali tal-konsulenti, l-użu u s-servizzi tan-netwerk eżistenti kollu fir-reġjun tal-Awstrija ta’ fuq huma riżorsi importanti ħafna għas-suċċess ta’ dan il-proċess.

**8. Riżultati**

Ir-riżultati ta’ dan ix-xogħol huma tajbin ħafna u sostenibbli. Entitajiet oħra kif ukoll l-amministrazzjoni tas-swieq tax-xogħol bagħtulna l-parteċipanti tagħhom li ħassew li huma “diffiċli” biex jutilizzaw is-servizzi tagħna. Dawn il-parteċipanti s-soltu jkollhom perspettiva limitata, ħafna drabi din tkun ġiet ikkawżata minħabba d-dewmin u l-kunflitti fl-amministrazzjoni tas-swieq tax-xogħlijiet kemm dik tal-passat kif ukoll tal-preżent. Kif ukoll minħabba l-qagħda tal-biża’ tal-għixien tagħhom, li ġġegħelhom ikollhom bżonn aktar minn ħaddieħor, stampa ħolistika tas-sitwazzjoni sħiħa u mhux biss jiffukaw fuq l-impjieg li jmisshom.

**Il-Kontributuri ta' dan ir-rapport**

*Rossella Brindani* għandha esperjenza twila fl-iddisinjar u fl-immaniġġjar tal-proġetti Nazzjonali u Ewropew li huma ffinanzjati, fi ħdan dawn il-programmi: R3L, LLP (Leonardo da Vinci, Socrates), Equal, Phare, Workerts' Mobility, Erasmus for young Enterpreneurs, Erasmus +. B'referenza għan-negozju lokali u l-komunitajiet soċjali, oqsma professjonali u gruppi soċjali, u ħiliet speċjalizzati għandhom bżonn analiżi fuq id-dinja tax-xogħol u r-riċerka.

*Kristina Meirhofer* hi *social worker* u ekonomista. Hi għandha erba' snin esperjenza fl-iżvilupp tat-taħriġ, fir-riċerka u fin-netwerking tal-qasam tat-taħriġ tal-adulti. Apparti minn hekk, ilha għal madwar għaxar snin involuta fix-xogħol tal-proġett. Hi tiffoka fuq organizzazzjoni professjonali, b'servizzi baxxi għal gruppi vulnerabbli.

*Tom Zuljevic-Salamon* għandu *Master Degree* fis-Saħħa Mentali u l-Psikjatrija Soċjali. Hu hu pedagoġiku soċjali, speċjalist li jħarreġ lill-minorenni, meniġer tar-riżorsi umani, superviżur, u meniġer tal-proġett. Hu għandu 30 sena esperjenza fil-proċess ta' *coaching*, *counselling* u taħriġ, ma' gruppi differenti li jkunu fil-mira.

*Marco Orlando* permezz ta' diversi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, għamel kemm riċerka kwantitattiva, kif ukoll dik kwalitattiva. It-taqsimiet li ġew studjati permezz ta' dawn il-proġetti, fost oħrajn jinkludu, l-inklużjoni soċjali, *mentoring* fin-negozju u saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-attivitajiet li saru, kienu relatati kemm mar-riċerka sekondarja, kif ukoll ma' dik primarja (stħarriġ amministrattiv, intervisti, analiżi SWOT, taħriġ għall-bżonnijiet tal-analiżi, eċċ).

*Ceyda ALATAŞ* - Psikoloġista, Riċerkatriċi, Lettura fl-Università ta' Hacettepe, f'Ankara. Hi taħdem ukoll bħala speċjalista tal-edukazzjoni speċjalizzata. Dan ix-xogħol ilha tagħmlu għal ħafna snin.
*PhD. Hacettepe University Psychological Counselling and Guidance* (1998)
*Master Hacettepe University Psychological Counselling and Guidance* (1985)
*B.S Hacettepe University Psychology Department* (1982)

*Sara M Ispierto* għandha Degree fil-Psikoloġija (2001-2006) u Ċertifikat fl-Edukazzjoni tar-Riċerka Metidoloġika (2006-2008). Hi studjat dawn ġewwa l-Università ta' Salamanca. Hi ilha taħdem bħala riċerkatriċi fil-qasam tal-iżviupp tal-proġetti ta' INTRAS Foundation, mill-2010. Għal sentejn sħaħ, Sara ħadmet ukoll bħala riċerkatriċi fil-qasam tal-istudju ġeneriku, ma' grupp konsultattiv ġewwa Madrid (Spanja).

i
ii
iii

iv

v

vi

vii

viii

ix

x

xi